



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.4.2018
COM(2018) 450 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tal-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL, IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U L-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Komunikazzjoni tal-2018 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE

{SWD(2018) 150 final} - {SWD(2018) 151 final} - {SWD(2018) 152 final} -
{SWD(2018) 153 final} - {SWD(2018) 154 final} - {SWD(2018) 155 final} -
{SWD(2018) 156 final}

Anness 1 - Sommarji tar-riżultanzi tar-rapporti

It-Turkija

L-istat ta' **emerġenza** ddikjarat wara l-attentat ta' kolp ta' stat tal-15 ta' Lulju 2016 jibqa' fis-seħħ, bil-għan li jiżżarma l-moviment Gülen, iddikjarat mill-awtoritajiet Torok bħala organizzazzjoni terroristika responsabbli tal-attentat ta' kolp ta' stat, kif ukoll l-appoġġ lejn il-ġlieda kontra t-terroriżmu, fl-isfond ta' attacchi repetuti fit-Turkija.

L-UE, li kkundannat immedjatament u bil-qawwa l-attentat ta' kolp ta' stat, tenniet l-appoġġ sħiħ tagħha għall-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż, u rrikonoxxiet il-ħtieġa leġittima tat-Turkija li tieħu azzjoni rapida u proporzjonata fid-dawl ta' theddida serja bħal din. Madankollu, l-iskala wiesgħa u n-natura kollettiva, kif ukoll l-isproporzjonalità tal-miżuri meħuda wara l-attentat ta' kolp ta' stat fi stat ta' emerġenza, bħalma huma t-tkeċċijiet, l-arresti u d-detenzjonijiet mifruxa, iqajmu inkwiet serju. Jinħtieġ li t-Turkija tneħħi l-istat ta' emerġenza bla dewmien.

Nuqqasijiet serji jaffettwaw il-31 digriet li ttieħdu sal-lum taħt l-istat ta' emerġenza. Ma kinux ġew soġġetti għal eżami diliġenti u l-iskrutinju effettiv tal-parlament. Konsegwentement, id-digrieti għal ħafna żmien għadhom ma nfetħux għal rieżami ġudizzjarju u ebda wieħed minnhom sa issa ma kien soġġett għal deċiżjoni mill-Qorti Kostituzzjonali. Dawn id-digrieti ta' emerġenza prinċipalment illimitaw ċerti drittijiet ċivili u politiċi, inkluża l-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-assemblea u d-drittijiet proċedurali. Emendaw ukoll partijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni li ser jibqgħu fis-seħħ meta jitneħħa l-istat ta' emerġenza.

Mill-introduzzjoni tal-istat ta' emerġenza, aktar minn 150 000 persuna kienu arrestati, 78 000 ġew arrestati u aktar minn 110 000 impjegati tas-servizz pubbliku tkeċċew filwaqt li, skont l-awtoritajiet, xi 40 000 reġgħu ddaħħlu u minnhom madwar 3 600 permezz ta' digriet.

Bdiet tiffunzjona Kummissjoni tal-Appell tal-Istat ta' Emerġenza u b'kollox irċeviet xi 107 000 talba ta' appell. Din il-Kummissjoni bdiet tieħu deċiżjonijiet f'Diċembru 2017 u sa issa pprovdiet rimedju għal biss ftit applikanti. Id-deċiżjonijiet tagħha huma suġġetti għal rieżami ġudizzjarju. Għad jeħtieġ li tiżviluppa rimedju effettiv u trasparenti għal dawk affettwati ħażin mill-miżuri taħt l-istat ta' emerġenza.

Lil hinn mill-Kummissjoni tal-Appell, il-kapaċità tat-Turkija li tiżgura rimedju legali domestiku effettiv fis-sens tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kompliet tigggrava minħabba numru ta' fatturi sfortunati preċedenti. F'każ minnhom qorti inferjuri rrifjutat li tosserva sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar każ emblematicu; sentenza ta' segwitu mill-Qorti Kostituzzjonali għal wieħed mill-konvenuti eventwalment ġiet osservata mill-qorti inferjuri. Diversi sentenzi tal-qorti favorevoli għal konvenuti prominenti, inklużi d-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, kienu malajr imreġġa' lura permezz ta' qorti oħra jew saħansitra mill-istess qorti, f'xi każijiet wara kummenti mill-eżekuttiv.

Rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi tiegħu għad iridu jiġu indirizzati mit-Turkija. Għandhom jiġu stabbiliti allegazzjonijiet abbużi permezz ta' proċeduri trasparenti u fuq bażi individwali. Ir-responsabbiltà kriminali individwali tista' tiġi stabbilita biss fir-rispett sħiħ tas-separazzjoni tal-poteri, l-indipendenza sħiħa tal-ġudikatura u d-dritt ta' kull individwu għal proċes ġust. Jinħtieġ li t-Turkija tneħħi l-istat ta' emerġenza bla dewmien.

F'April 2017, it-Turkija organizzat referendum li kien approvat bi ftit għal emendi kostituzzjonali li jintroduċu sistema presidenzjali. L-emendi ġew ivvalutati mill-Kummissjoni ta' Venezja bħala nieqsa minn kontrolli u bilanċi suffiċjenti kif ukoll joħolqu periklu għas-separazzjoni tal-poteri bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Ir-referendum innifsu qajjem tħassib

serju dwar l-impatt negattiv globali tal-istat ta' emerġenza, il-"livell żbilanċjat" taż-żewġ naħat tal-kampanja u l-imminar tas-salvagwardji u l-integrità tal-elezzjonijiet.

Taħt l-istat ta' emerġenza, il-funzjoni ewlenija tal-Parlament bħala setgħa leġiżlattiva kienet limitata, hekk kif il-gvern irrikorra għal digrieti ta' emerġenza bil-"forza tad-dritt" biex jirregola wkoll kwistjonijiet li għandhom ikunu pproċessati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Fid-dawl tad-deterjorament tat-tensjonijiet politiċi fil-pajjiż, l-ispazju għad-djalogu fost il-partiti politiċi kien limitat aktar fil-Parlament. Wara t-tneħħija ta' darba tal-immunitajiet parlamentari f'Mejju 2016, bosta leġiżlaturi tal-partit HDP fl-oppożizzjoni, ġew arrestati u 10 minnhom itteħdihom is-siġġu rispettiv tagħhom.

Ir-rwol tal-President fuq l-eżekuttiv żdied, wara diversi trasferimenti ta' setgħat lill-Presidenza permezz ta' digrieti ta' emerġenza. Il-ħatra ta' persuni ta' fiduċja biex jieħdu post l-eżekuttivi muniċipali u r-rappreżentanti eletti wasslet għal dgħufija sinjifikanti tad-demokrazija lokali.

Is-soċjetà ċivili sabet ruħha taħt pressjoni dejjem akbar partikolarment minħabba għadd kbir ta' arresti ta' attivisti, inklużi difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u l-użu rikorrenti ta' projbizzjonijiet ta' dimostrazzjonijiet u laqgħat oħra tal-massa, li wasslu għal tnaqqis rapidu tal-ispazju għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. Ħafna organizzazzjonijiet bbażati fuq id-drittijiet baqgħu magħluqa bħala parti mill-miżuri taħt l-istat ta' emerġenza u ma kienx disponibbli rimedju legali effettiv fir-rigward tal-konfiski.

Il-gvern organizza mill-ġdid il-qafas legali li jirregola r-relazzjonijiet ċivili-militari u żied is-setgħat tal-eżekuttiv u l-militar b'mod sinifikanti, u b'hekk issaħħet is-sorveljanza ċivili. Bħala parti mill-emendi kostituzzjonali, il-qrati militari għolja effettivament ġew aboliti. Is-servizzi militari u sigrieti għad ma għandhomx responsabbiltà suffiċjenti fil-Parlament.

Is-sitwazzjoni fix-xlokk tal-pajjiż baqgħet waħda mill-aktar sfidi akuti għall-pajjiż. Is-sitwazzjoni tas-sigurtà li marret għall-aġar, parzjalment imxiet lejn iż-żoni rurali. L-impenn tal-gvern biex ikompli bl-operazzjonijiet tas-sigurtà, fl-isfond ta' atti vjolenti rikorrenti mill-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK) li għadu fil-lista tal-UE tal-persuni, gruppi u entitajiet involuti f'atti ta' terroriżmu, baqgħu bħala element karatteristiku tas-sitwazzjoni fir-reġjun. Filwaqt li l-gvern għandu d-dritt leġittimu fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, huwa wkoll responsabbli biex jiżgura dan isir skont l-istat tad-dritt, u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem. Il-miżuri kontra t-terroriżmu jeħtieġ li jkunu proporzjonati. Il-pjan ta' investiment tal-gvern għar-rikostruzzjoni taż-żoni degradati fix-Xlokk irriżulta f'kostruzzjoni kontnwa ta' eluf ta' djar iżda huma biss f'it il-persuni spostati internament jirċievu kumpens sa issa. Ma kien hemm ebda żviluppi dwar l-issoktar ta' proċess politiku kredibbli li huwa meħtieġ biex tinkiseb soluzzjoni paċifika u sostenibbli.

It-Turkija hija moderatament preparata fil-qasam tar-riforma tal-**amministrazzjoni pubblika**, b'impenn qawwi għal amministrazzjoni aktar miftuħa u l-użu tal-gvern elettroniku. Madankollu, kien hemm rigress serju fil-qasam tas-servizz pubbliku u l-ġestjoni tar-riżorsi umani u fil-qasam tar-responsabbiltà tal-amministrazzjoni fir-rigward tad-dritt għall-ġustizzja amministrattiva u d-dritt li jintalab kumpens għad-danni. Jeħtieġ li jiġi pprovdut rimedju trasparenti u effettiv għas-sensji fuq skala kbira.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Albanija għadha fi stat bikri ta' tħejjija. Kien hemm rigress serju ulterjuri matul is-sena li għaddiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura. L-emendi Kostituzzjonali li jirregolaw il-Kunsill tal-Imħallfin u l-Prosekuturi (Council of Judges and Prosecutors, CJP) daħal fis-seħħ u kompli jimmina l-indipendenza tiegħu mill-eżekuttiv. Is-CJP kompli jinvolvi ruħu f'sospensjonijiet u t-trasferimenti fuq skala kbira tal-imħallfin u l-prosekuturi. Ma sar l-ebda sforz biex jiġu indirizzati l-problemi rigward

ir-reklutaġġ u l-promozzjoni ta' imħallfin u prosekuturi b'nuqqas ta' kriterji oġġettivi, skont il-mertu u uniformi, stabbiliti minn qabel.

Il-pajjiż għandu livell żgħir ta' tħejjija fil-**għlieda kontra l-korruzzjoni**, fejn ma sar l-ebda progress. Il-qafas legali u istituzzjonali jeħtieġ li jkun allinjat aktar mal-istandards internazzjonali u għadu jipprmetti ndħil mill-eżekuttiv fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livelli għolja. Ir-rekord tat-Turkija fl-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjoni u l-kundanni ta' każijiet ta' korruzzjoni għadu dgħajfef, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Ma sar l-ebda progress fit-tisħiħ tar-responsabbilizzazzjoni u t-trasparenza fix-xogħol tal-korpi pubbliċi. Hemm bżonn kunsens politiku bejn il-partiti u rieda politika qawwija fi għlieda deċiżiva kontra l-korruzzjoni. It-Turkija għad trid issegwi kważi r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Assemblea tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja. Il-perċezzjoni tal-korruzzjoni wkoll għadha għolja.

It-Turkija għandha ftit livell ta' tħejjija fil-**għlieda kontra l-kriminalità organizzata**, u sar xi progress bl-adozzjoni ta' strateġija ġdida u t-titjib tal-kapaċità istituzzjonali. It-Turkija jeħtieġ li ssaħħaħ il-leġiżlazzjoni tagħha dwar iċ-ċiberkriminalità, il-konfiska tal-assi u l-protezzjoni tax-xhieda. Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta hija fis-seħħ iżda għadha mhux konformi ma' standards Ewropej. L-investigazzjonijiet finanzjarji għadhom mhux qed jintużaw biżżejjed. L-iffriżar prekawzjonali tal-assi rarament jiġi applikat u l-livell tal-assi kkonfiskati huwa baxx. Fil-għlieda kontra t-terroriżmu hemm qafas legali komprensiv dwar il-finanzjament tat-terroriżmu. Kemm il-leġiżlazzjoni kriminali u dik ta' kontra t-terroriżmu jeħtieġ li jiġu allinjati mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-prinċipju tal-proporzjonalità jrid jiġi osservat fil-prattika.

It-Turkija għamlet progress tajjeb fil-qasam tal-**migrazzjoni u l-politika tal-ażil** u baqgħet impenjata biex timplimenta d-Dikjarazzjoni UE-Turkija ta' Marzu 2016 dwar ġestjoni aktar effettiva tal-flussi migratorji tul ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant. F'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża, fil-bidu ta' Frar, it-Turkija ppreżentat pjan ta' ħidma lill-Kummissjoni Ewropea li jispjega kif it-Turkija fi ħsiebha twestaq seba' parametri referenzjarji pendenti tal-liberalizzazzjoni tal-viża. Il-Kummissjoni qed tevalwa l-proposti tat-Turkija u issa jmiss konsultazzjonijiet ulterjuri mal-kontropartijiet Torok.

Il-qafas legali Tork jinkludi garanziji ġenerali ta' rispett għad-**drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali**, li madankollu ġew sfidati ulterjorment u mminati minn numru ta' digrieti ta' emerġenza. Għadu għaddej rigress serju tal-**libertà tal-espressjoni**, qasam fejn it-Turkija għadha fi stat bikri ta' tħejjija. L-ambitu tal-azzjonijiet li tieħdu taħt l-istat ta' emerġenza ġie estiż maż-żmien għal ħafna ilħna kritiċi fil-midja u fost l-akkademiċi fost l-oħrajn, li jmur kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-każijiet kriminali kontra l-ġurnalisti — aktar minn 150 minnhom għadhom maqfula — kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, kittieba, jew utenti tal-midja soċjali, l-irtirar tat-tesseri tal-istampa, kif ukoll l-għeluq ta' bosta kumpaniji tal-midja jew il-ħatra mill-gvern ta' persuni ta' fiduċja li jamministrawhom, huma ta' tħassib serju u huma fil-biċċa l-kbira tagħhom ibbażati fuq l-applikazzjoni selettiva u arbitrarja tal-liġi, speċjalment dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà nazzjonali u l-għlieda kontra t-terroriżmu. Il-Liġi tal-Internet u l-qafas legali ġenerali jkomplu jippermettu lill-eżekuttiv biex jimblukka l-kontenut onlajn mingħajr ordni tal-qorti għal firxa wiesgħa żżejjed ta' raġunijiet. Kien hemm ukoll rigress serju fl-oqsma tal-libertà tal-assemblea, il-libertà ta' assoċjazzjoni, u d-drittijiet proċedurali u dawl tal-proprjetà. Il-libertà tal-assemblea għadha ristretta ħafna, kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika. Il-miżuri adottati taħt l-istat ta' emerġenza nehheiw ukoll salvagwardji kruċjali għall-protezzjoni ta' detenuti mill-abbuż u b'hekk tkabbar ir-riskju ta' impunità,

f'kuntest fejn l-allegazzjonijiet tat-trattament ħażin u t-tortura żdiedu. Id-digriet ta' emerġenza imponew restrizzjonijiet addizzjonali għal drittijiet proċedurali inkluż fuq id-drittijiet tad-difiża. L-infurzar tad-drittijiet huwa ostakolat mill-frammentazzjoni u l-mandat limitat ta' istituzzjonijiet pubbliċi responsabbli għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet u f'kuntest fejn l-indipendenza tal-ġudikatura ġiet mhedda. Il-faqar estrem u n-nuqqas ta' bżonnijiet bażiċi għadhom komuni fost l-unitajiet domestiċi Rom fit-Turkija. Jinħtieġ li d-drittijiet tal-aktar gruppi vulnerabbli u ta' persuni li jappartjenu għall-minoritajiet ikunu mħarsa b'mod xieraq. Il-vjolenza sessista, id-diskriminazzjoni, id-diskors ta' mibegħda kontra l-minoranzi, ir-reati ta' mibegħda u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transgender u intersex, għadhom sors ta' tħassib serju.

It-Turkija esprimiet l-appoġġ għat-taħditiet dwar ir-riunifikazzjoni ta' Ċipru bejn il-mexxejja taż-żewġ komunitajiet, u għall-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tal-Konsulent Speċjali tiegħu. Konferenza dwar Ċipru, imlaqqgħa f'Ġinevra f'Jannar 2017 u fi Crans-Montana f'Lulju 2017, ingħalqet mingħajr ftehim. Madankollu, it-Turkija għadha ma implimentatx l-obbligi tagħha biex tiżgura implimentazzjoni sħiħa u mhux diskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u għadha ma nehhetx l-ostakli kollha fuq il-moviment ħieles tal-prodotti, inkluż r-restrizzjonijiet fuq ir-rotot ta' trasport diretti ma' Ċipru. Ma sar l-ebda progress fejn tidħol in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mar-Repubblika ta' Ċipru. Il-konklużjonijiet dwar it-Turkija adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u approvati mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2006 għadhom fis-seħħ. Huma jistipulaw li n-negozjati ma jinfetħux fuq tmien kapitoli¹ marbuta mar-restrizzjonijiet tat-Turkija rigward ir-Repubblika ta' Ċipru u li ma huwa se jingħalaq b'mod proviżorju l-ebda kapitolu sakemm il-Kummissjoni tikkonferma li t-Turkija tkun implimentat għal kollox il-Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Il-kooperazzjoni mal-Greċja u l-Bulgarija dwar il-migrazzjoni intensifikat aktar. Madankollu, it-tensjonijiet fil-Baħar Eġew u tal-Lvant tal-Mediterran ma kinux favorevoli għal relazzjonijiet tajba mal-ġirien u mminaw l-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali. Ir-relazzjonijiet bilaterali ma' bosta Stati Membri individwali tal-UE marru għall-agħar, inkluża retorika xi minn daqqiet offensiva u inaċċettabbli. F'Marzu 2018 il-Kunsill Ewropew ikkundanna bil-qawwa l-azzjonijiet illegali kontinwi tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran u l-Baħar Eġew u fakkar fl-obbligu tat-Turkija li tirrispetta l-liġi internazzjonali u relazzjonijiet tajba mal-ġirien u biex tinnormalizza r-relazzjonijiet tagħha mal-Istati Membri kollha tal-UE. Il-Kunsill Ewropew esprima wkoll it-tħassib serju tiegħu dwar id-detenzjoni kontinwa ta' ċittadini tal-UE fit-Turkija, inklużi żewġ għas-suldati Griegi, u appella għal riżoluzzjoni rapida u pożittiva ta' dawn il-kwistjonijiet permezz ta' djalogu mal-Istati Membri.

It-Turkija jeħtieġ li tikkommetti ruħha b'mod inekwivoku għal relazzjonijiet tajba tal-viċinat, ftehimiet internazzjonali, u għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, b'rikors, jekk meħtieġ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. F'dan il-kuntest, l-UE esprimiet għal darb'oħra tħassib serju u ħeġġet lit-Turkija sabiex tevita kull tip ta' theddid jew azzjoni diretta kontra Stat Membru, jew sors ta' frizzjoni jew azzjonijiet, li jkunu ta' ħsara għar-relazzjonijiet tajba tal-viċinat u għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim.

Fir-rigward tal-**kriterji ekonomiċi**, l-ekonomija tat-Turkija hija avanzat sew u tista' tiġi kkunsidrata ekonomija tas-suq li tiffunzjona. L-ekonomija appoġġata minn miżuri ta' stimolu tal-gvern, irnexxielha tirkupra minn kontrazzjoni li seħħet wara l-attentat ta' kolp ta' stat tal-2016 u inkiseb tkabbir qawwi fl-2017. Madankollu, ż-żieda fit-tkabbir hu mżewweġ ma'

¹Il-moviment ħieles tal-merkanzija, id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi, is-servizzi finanzjarji, l-agrikultura u l-iżvilupp rurali, is-sajd, il-politika tat-trasport, l-Unjoni Doganali u r-relazzjonijiet esterni.

żbilanċi makroekonomiċi sinifikanti. Id-defiċit tal-kont kurrenti għadu għoli u żdied lejn l-aħħar tal-2017, u b'hekk il-pajjiż huwa dipendenti fuq il-flussi tal-kapital u vulnerabbli għal xokkijiet esterni. L-inflazzjoni mxiet lejn rati b'żewġ ċifri (11,1 %) fl-2017, u kompla d-deprezzament tal-lira Torca, b'enfasi fuq tħassib dwar il-livell ta' impenn ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-politika monetarja għall-istabbiltà tal-prezzijiet. L-ekonomija tat-Turkija kompliet tkun karatterizzata minn livell għoli ta' informalità. B'mod ġenerali, kien hemm rigress f'dan il-qasam. It-tendenza li jiżdied il-kontroll tal-istat fl-isfera ekonomika u l-azzjonijiet immirati lejn kumpaniji, negozjanti u avversarji politiċi u n-negozji tagħhom għamlu ħsara lill-ambjent tan-negozju.

It-Turkija għamlet xi progress u laħqet livell tajjeb ta' thejjiġa biex tlaħħaq mal-pressjonijiet kompetittivi u l-forzi tas-suq fl-UE. It-Turkija hija integrata sew fis-suq tal-UE f'termini ta' kummerċ u investiment. Sar xi progress fis-settur tal-enerġija, partikolarment fis-suq tal-gass, u biex jiżdied l-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp. Madankollu, għad hemm problemi sinifikanti fir-rigward tal-kwalità tal-edukazzjoni. Ma kien hemm l-ebda progress biex titjeb it-trasparenza tal-għajjnuna mill-istat.

Rigward **l-abbiltà tagħha li tieħu fuqha l-obbligi tas-sħubija**, it-Turkija kompliet tallinja ruħha mal-*acquis*. Kien hemm aktar mumentu ta' rigress rigward għadd ta' aspetti ewlenin fl-oqsma tas-soċjetà tal-informazzjoni, il-politika soċjali u l-impjiegi u r-relazzjonijiet esterni. It-Turkija hija avvanzaa sew fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, in-netwerks Trans-Ewropej, u x-xjenza u r-riċerka u kisbet livell tajjeb ta' thejjiġa fl-oqsma tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-liġi tal-proprjetà intellettwali, is-servizzi finanzjarji, il-politika dwar l-intrapriżi u l-politika industrijali, il-protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa, l-unjoni doganali u l-kontroll finanzjarju. It-Turkija hija mhejjiġa biss b'mod moderat fejn jidħol l-akkwist pubbliku billi għad fadal diskrepanzi kbar fl-allinjament tagħha. It-Turkija hija mhejjiġa b'mod moderat fil-qasam tal-istatistika u tal-politika dwar it-trasport fejn huma meħtieġa sforzi sinifikanti ulterjuri fl-oqsma kollha. It-Turkija laħqet biss xi livell ta' thejjiġa fl-ambjent u t-tibdil fil-klima fejn politiki aktar ambizzjużi u politiki koordinati aħjar għad iridu jiġu stabbiliti u implimentati. Fl-oqsma kollha, jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għall-infurzar tal-leġislazzjoni filwaqt li bosta oqsma jeħtieġu aktar progress sinifikanti biex jintlaħaq allinjament leġiżlattiv mal-*acquis* tal-UE.

Il-Montenegro

Fir-rigward tal-**kriterji politiċi**, il-perjodu tar-rappurtaġġ kien ikkaratterizzat minn livell baxx ta' fiduċja lejn il-qafas elettorali u mill-bojkott parlamentari mtawwal mill-oppożizzjoni kollha mill-elezzjonijiet parlamentari ta' Ottubru 2016. Hija r-responsabbiltà tal-partijiet kollha li jirritorna d-dibattitu politiku fil-Parlament mill-atturi politiċi kollha. Partijiet mill-oppożizzjoni rritornaw fil-Parlament f'Diċembru 2017, iżda dan it-tmien parzjali u selettiv tal-bojkott għad irid iwassal għal djalogu u skrutinju parlamentari. Ix-xena politika għadha mfarrka, polarizzata u mmarkata minn nuqqas ta' djalogu politiku, b'mod partikolari fl-istituzzjonijiet demokratiċi.

Il-kapaċità leġiżlattiva parlamentari u s-sorveljanza tal-eżekuttiv jeħtieġ li tissaħħaħ aktar. Il-Parlament xorta tindirizza s-sejbiet tal-awditjar tal-Istituzzjoni Statali tal-Awditjar b'mod limitat, u ma hemm l-ebda diskussjoni jew rappurtar dwar l-implimentazzjoni ta' politiki u leġislazzjonijiet ewlenin. F'Diċembru 2017, il-Parlament adotta mingħajr konsultazzjoni pubblika adegwata sett ta' liġijiet li jindirizzaw biss parzjalment ir-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. Jinħtieġ li tiġi kkunsidrata riforma elettorali komprensiva. Kien hemm tmien elezzjonijiet lokali fil-perjodu ta' rappurtar. L-elezzjonijiet lokali ma jseħħux fl-istess

jum madwar il-pajjiż kollu, iżda fuq bażi ta' rotazzjoni; għalhekk, ambjent elettorali prolongat u personalizzat ħafna jikkarakterizza l-pajsaġġ politiku. Minħabba ċ-ċiklu elettorali, l-osservazzjoni elettorali hija diffiċli, partikolarment għal osservaturi internazzjonali, u jħallu lok wiesa' għal dikjarazzjonijiet ta' irregolaritajiet li ma jistgħux jiġu evalwati b'mod indipendenti. Ma kien hemm l-ebda żviluppi ġodda fis-segwitu politiku u ġudizzjarju tal-allegat użu ħażin ta' fondi pubbliċi għal finijiet politiċi ta' partit fl-2012 ("il-każ tar-reġistrazzjoni awdjo").

Fir-rigward tal-governanza, hemm bżonn li tissaħħaħ it-trasparenza, il-parteciġazzjoni tal-partijiet interessati, u l-kapaċità tal-gvern li jimplementa r-riformi. Jinħtieġ li l-koerenza tas-sistema tat-tfassil tal-politika tiġi żgurata permezz tal-iżvilupp koordinat ta' politika. Huma stabbiliti mekkaniżmi għal konsultazzjoni tal-gvern tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, iżda jeħtieġu regoli ċari, u involviment ġenwin taż-żewġ naħat.

Il-Montenegro huwa mħejji b'mod moderat fejn tidħol ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tiegħu. Sar progress tajjeb, notevolment permezz tal-adozzjoni ta' liġijiet ġodda dwar l-impjegati taċ-ċivil u tal-istat u dwar il-governanza awtonoma lokali mmirata lejn l-implimentazzjoni ta' reklutaġġ ta' servizz pubbliku ibbażat fuq il-mertu. Għad hemm bżonn ta' rieda politika qawwija biex tiġi indirizzata b'mod effikaċi d-depolitiċizzazzjoni tas-servizz pubbliku u l-ottimizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-istat, kif ukoll biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti, u s-sostenibbiltà finanzjarja tar-riformi.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Montenegro hija moderament preparata u sar xi progress. Il-qafas leġiżlattiv dwar il-ġudikatura li kellu l-għan li jżid l-indipendenza u l-professjonaliżmu għad irid jiġi implimentat bis-sħiħ. Il-kapaċità istituzzjonali ġiet imsaħħa.

Il-Montenegro kiseb ċertu livell ta' thejjiġa fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Minkejja li sar xi progress, il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u tibqa' kwistjoni ta' tħassib. Tjebbet il-kapaċità operattiva tal-istituzzjonijiet; madankollu, jinħtieġ li l-istituzzjonijiet kollha juru attitudni iżjed proattiva. Jeħtieġ li jiġu indirizzati l-isfidi għall-kredibilità, l-indipendenza u l-iffissar tal-prijoritajiet tal-Aġenzija kontra l-Korruzzjoni. Għad iridu jitjiebu l-investigazzjonijiet finanzjarji u l-qbid u s-sekwestru tal-assi. Ġie stabbilit rekord inizjali ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni u kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, iżda jeħtieġ li jiġi kkonsolidat ulterjorment Titjib ulterjuri tar-rekord ta' investigazzjonijiet u kundanni b'suċċess se jkun possibbli biss f'ambjent fejn l-istituzzjonijiet indipendenti jkunu protetti minn kull influwenza mhux xierqa u inċentivati li jużaw b'mod sħiħ is-setgħat tagħhom.

Fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, hemm rekord inizjali ta' prosekuzzjonijiet fil-ġlieda kontra l-kuntrabandu tal-migranti u kontra t-traffikar tad-drogi. Madankollu, hemm bżonn ta' iktar riżultati biex jiġi prodott track record konvinċenti, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u t-traffikar tal-bnedmin.

Fuq id-**drittijiet fundamentali**, il-Montenegro jkompli jallinja l-leġiżlazzjoni tiegħu mal-istandards tal-UE. B'mod partikolari tjieb ix-xogħol tal-Uffiċċju tal-Ombudsman, iżda għad hemm bżonn ta' aktar sforzi biex jissaħħu l-qafas istituzzjonali u l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem. Wara l-progress li sar dwar leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, il-Montenegro issa teħtieġ jiżgura li jkunu fis-seħħ il-mekkaniżmi istituzzjonali adatti biex jiproteġu l-gruppi vulnerabbli għad-diskriminazzjoni. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni għadha dgħajfa u l-kapaċità istituzzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jeħtieġ li tiżdied. Il-

minoranza tar-Roma² tibqa' l-komunità l-aktar vulnerabli u diskriminata. Il-vjolenza fuq il-bażi ta' sess u l-vjolenza kontra t-ftal għadha kwistjoni ta' tħassib serju fil-pajjiż.

Il-Montenegro kiseb xi livell ta' tħejjija fil-**libertà tal-espressjoni**, iżda ma sar l-ebda progress matul il-perjodu tar-rapportar. Ma sar l-ebda żvilupp importanti rigward l-investigazzjonijiet dwar każijiet qodma ta' vjolenza kontra l-ġurnalisti. L-indħil politiku reċenti fil-Kunsill tax-xandir pubbliku nazzjonali u fl-Aġenzija għall-Midja Elettronika huma kwistjoni ta' tħassib serju. Ix-xena tal-midja għadha polarizzata ħafna u jippersistu l-isfidi biex wieħed jifhem ir-rwol tal-midja ħielsa. In-numru ta' każijiet ta' malafama għadu għoli, ukoll minħabba dgħufijiet ta' mekkaniżmi awtoregolatorji.

Il-Montenegro jibqa' impenjat b'mod kostruttiv lejn relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi oħrajn tat-tkabbir u ma' Stati Membri ġirien tal-UE u parteċipant attiv fil-**kooperazzjoni reġjonali**.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, il-Montenegro għamel xi progress u huwa moderament preparat biex jiżviluppa ekonomija tas-suq li taħdem. L-istabbiltà makroekonomika u fiskali ġew imsaħħa, iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu indirizzati sfidi persistenti, speċjalment piż għoli ta' dejn pubbliku. L-ekonomija ilha tikber mill-2013 fil-kuntest ta' inflazzjoni baxxa jew moderata. Is-settur finanzjarju tejjeb is-solvenza u l-likwidità tiegħu. Madankollu, il-bażi tal-esportazzjoni trid tittejjeb fl-ambitu u l-kwalità biex jitnaqqas id-defiċit kummerċjali. Id-dgħufijiet fl-istat tad-dritt, inkluża l-kompetizzjoni inġusta mill-ekonomija informali, għandhom impatt negattiv fuq l-ambjent tan-negozju. Is-suq tax-xogħol qed jiffaċċja sfidi strutturali, u dan huwa rifless f'parteċipazzjoni baxxa u rati għolja ta' qgħad.

Il-Montenegro għamel xi progress u huwa moderatament preparat fil-kapaċità tiegħu biex jaffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Il-bini tal-infrastruttura ewlenija f'għadd ta' oqsma kif ukoll l-iżvilupp tal-kapital uman jistabbilixxu l-bażi għal titjib fil-kompetittività. Għadha għaddejja r-riforma tal-edukazzjoni, iżda jeħtieġ isiru iżjed sforzi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet. L-SMEs għadhom jiffaċċjaw bosta sfidi, bħalma huma l-aċċess għall-finanzjament jew il-kumplessità regolatorja. Għadhom meħtieġa aktar sforzi biex titjeb il-prestazzjoni kumplessiva tal-esportazzjoni ta' kumpaniji lokali.

Rigward il-**kapaċità tal-Montenegro biex jassumi l-obbligi tas-sħubija**, saret ħidma importanti f'ħafna oqsma dwar l-allinjament u l-preparazzjoni għall-implimentazzjoni tal-*acquis*. Il-pajjiż għandu livell tajjeb ta' tħejjija f'oqsma bħal-liġi tal-kumpaniji u l-politika barranija, tas-sigurtà u d-difiża. Huwa moderatament preparat f'bosta kapitoli, bħall-moviment liberu tal-merkanzija, l-agrikoltura, is-sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja. Il-Montenegro jinsab fl-istadju bikri tat-tħejjija rigwar is-sajd u d-dispożizzjonijiet baġitarji u finanzjarji, u jinsab f'ċertu livell ta' tħejjija fil-qasam tal-ambjent u tat-tibdil fil-klima, l-istatistika, il-politika soċjali u l-impjiegi. Sar progress tajjeb fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja. Sar progress fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Għall-quddiem, jinħtieġ li l-Montenegro jiffoka b'mod partikolari fuq il-politika tal-kompetittività, l-ambjent u t-tibdil fil-klima u l-akkwist pubbliku. It-tiżni tal-kapaċità amministrattiva għall-iżgurar tal-applikazzjoni tal-*acquis* għadha sfida sostanzjali għall-Montenegro. Il-Montenegro kompli jallinja ruħu mal-pożizzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet komuni kollha tal-UE rigward l-affarijiet barranin u dawk li jolqtu s-sigurtà.

Minkejja li l-Montenegro sa issa baqa' 'l barra mir-rotta prinċipali **migratorja** tal-Balkani tal-Punent lejn l-UE, ra żieda fin-numru ta' migranti / applikanti għall-ażil li daħal fit-territorju

² Dawn il-gruppi kollha huma kkunsidrati taħt it-terminu ġeneriku "Rom" skont il-Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom.

tiegħu u għalhekk irid isaħħaħ il-kapaċità li jlaħħaq ma' pressjoni ta' żidiet f'daqqa relatati mal-migrazzjoni. Il-Montenegro għamel aktar progress b'mod partikolari fil-qafas legali relatat mal-migrazzjoni. Għalkemm il-kapaċità tal-Montenegro biex tittratta t-talbiet għall-ażil sa issa kienet biżżejjed, illum tista' tiġi taħt pressjoni minħabba: (i) l-għadd dejjem jikber ta' persuni li qed ifittxu l-ażil u t-tul estiż tas-soġġorni tagħhom, xi drabi minħabba proċeduri tal-appell fit-tul; u (ii) l-introduzzjoni ta' proċeduri tal-ażil aktar esiġenti, allinjati mal-istandards tal-UE. F'dan il-kuntest, il-Montenegro hemm bżonn li jpoġġi fis-seħħ mekkaniżmu ta' ritorn għall-immigranti irregolari, li jkun konformi mal-*acquis* tal-UE, kif ukoll li jallinja progressivament il-politika tiegħu dwar il-viżi ma' dik tal-UE. Jinħtieġ li l-Montenegro jiftaħ faċilitajiet addizzjonali ta' reċezzjoni li jikkonformaw mal-istandards rikjesti u jtejjeb il-maniġment tal-faċilitajiet kollha. Wara l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni ta' Schengen fi Frar 2017, il-Montenegro kompli jallinja l-leġislazzjoni tiegħu mal-*acquis* tal-UE dwar il-viżi.

Is-Serbja

Fir-rigward tal-**kriterji politiċi**, is-Serbja kellha elezzjonijiet presidenzjali f'April 2017. Osservaturi internazzjonali sabu li l-elezzjonijiet ipprovdew lill-eletturi b'għażla ġenwina ta' kontestanti, iżda li l-kundizzjonijiet ma kinux l-istess minħabba diversi fatturi. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-osservaturi internazzjonali jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod sħiħ, inklużi dawk relatati mat-trasparenza u l-integrità tal-proċess elettorali matul il-kampanja elettorali.

Wara r-riżenja tal-Prim Ministru Vučić wara li ġie elett bħala President, il-gvern il-ġdid, immexxi minn Ana Brnabić ħa l-kariga f'Ġunju 2017. Għall-ewwel darba, mara ġiet eletta bħala Prim Ministru. Il-Parlament għadu ma jeżerċita kontroll effettiv tal-eżekuttiv. It-trasparenza, l-inklużività, il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet hemm bżonn li jiġu msaħħa u jittejjeb id-djalogu bejn il-partiti. Jinħtieġ li l-użu ta' proċeduri urġenti jiġi mnaqqas. Iridu jiġu evitati azzjonijiet li jillimitaw il-kapaċità tal-parlament għal skrutinju effettiv tal-leġiżlazzjoni. Jeħtieġ li jiġi rikonoxxut bis-sħiħ ir-rwol tal-korpi regolatorji indipendenti. Hemm bżonn ta' riformi kostituzzjonali biex ikun hemm allinjament ma' standards tal-UE f'ċerti oqsma.

Is-Serbja hija mħejjija fuq livell moderat fil-qasam tar-riforma fl-amministrazzjoni pubblika. Inkiseb xi progress fil-qasam tat-twassil tas-servizzi u bl-adozzjoni ta' diversi liġijiet ġodda. Jeħtieġ li s-Serbja timplimenta l-miri tar-riformi tagħha, tara li l-amministrazzjoni tkun professjonalizzata u depolitiċizzata, b'mod speċjali fir-rigward ta' pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri, u tiżgura koordinazzjoni sistematika u monitoraġġ tal-programm pubbliku dwar ir-riforma tal-ġestjoni finanzjarja 2016-20. Il-kapaċità tas-Serbja li tattira u żżomm persunal ikkwalifikat fl-amministrazzjoni li jittratta l-kwistjonijiet tal-UE se tkun kruċjali.

Is-**sistema ġudizzjarja** tas-Serbja laħqet livell żgħir ta' tħejjija. Sar xi progress, b'mod partikolari billi tnaqqsu l-każijiet ta' infurzar qodma pendenti u li l-istabbilizzazzjoni ta' miżuri għall-armonizzazzjoni tal-prattiki tal-qorti. Ġew adottati regoli mtejbja biex jevalwaw il-prestazzjoni professjonali tal-imħallfin u l-prosekuturi. L-ambitu tal-influenza politika fuq il-ġudikatura għadha kwistjoni ta' tħassib. F'Jannar 2018 ġie ppubblikat abbozz ġdid ta' emendi għall-Kostituzzjoni fil-qasam tal-ġudikatura u ġie ppreżentat għal diskussjoni pubblika qabel ma' ntbagħat lill-Kummissjoni ta' Venezja għall-opinjoni tagħha.

Is-Serbja kisbet ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Inkiseb xi progress, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' emendi għall-Kodiċi Kriminali fit-taqsimha tar-reati ekonomiċi; fil-liġi dwar l-organizzazzjoni tal-awtoritajiet statali fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu; fil-liġi dwar is-sekwestru u l-konfiska ta' rikavat minn attivitajiet kriminali. Madankollu, hemm dewmien sinifikanti tal-adozzjoni tal-liġi l-ġdida dwar l-Aġenzija Kontra l-Korruzzjoni. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja. Il-kapaċità operattiva tal-istituzzjonijiet rilevanti għadha irregolari. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għad iridu juru li jkunu jistgħu jinvestigaw, iħarrku u jipproċedu kontra kull kawża ta' korruzzjoni f'livell għoli b'mod imparzjali u b'mod indipendenti operazzjonalment .

Is-Serbja għandha ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Sar xi progress f'oqsma bħal dak tal-immaniġġar tar-riżorsi umani fil-Ministeru tal-Intern u fil-pulizija. Ġiet imtejbja l-kapaċità operattiva kemm fl-Uffiċċju tal-Prosekutur għall-Kriminalità Organizzata u fl-Uffiċċju tal-Prosekutur għaċ-Ċiberkriminalità. Ġew adottati strateġija u pjan ta' azzjoni ġodda biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin, inħatar Koordinatur Nazzjonali għall-Ġlieda kontra t-Traffikar fi Bnedmin u ġiet adottata liġi ġdida dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus u l-Iffinanzjar ta' Terroristi. Madankollu, is-Serbja għad trid tistabbilixxi rekord inizjali ta' investigazzjonijiet finanzjarji effettivi, kif ukoll ta'

investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali f'każijiet ta' ħasil ta' flus. L-għadd ta' kundanni għal reati ta' kriminalità organizzata għadu baxx. Is-Serbja jeħtieġ li tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni miftehma mat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

Il-qafas legali u istituzzjonali għar-rispett tad-drittijiet fundamentali qiegħed hemm. Hemm bżonn li tiġi assicurata l-implimentazzjoni konsistenti madwar il-pajjiż, inkluż fejn tidħol il-protezzjoni tal-minoritajiet. Filwaqt li s-Serbja għandha ċertu livell ta' tħejjija, ma sar l-ebda progress dwar il-**libertà tal-espressjoni**, kwistjoni ta' tħassib dejjem tikber. Hemm bżonn ta' aktar sforzi sostnuti biex titjeb is-sitwazzjoni ta' persuni li jappartjenu għall-grupp li l-aktar ibatu minn diskriminazzjoni (ir-Rom, il-lezbiani, il-gays, il-bisesswali, it-transgender u l-persuni intersex, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li għandhom l-HIV/AIDS u gruppi soċjalment vulnerabbli oħra). Hemm bżonn li tiġi adottata liġi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Kollox ma kollox is-Serbja baqgħet impenjata b'mod kostruttiv lejn relazzjonijiet bilaterali ma' pajjiżi oħrajn tat-tkabbir u ma' Stati Membri ġirien tal-UE u tiegħu sehem attiv fil-**kooperazzjoni reġjonali**.

Fir-rigward tan-**normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo**, is-Serbja baqgħet impenjata fid-dialogu. Madankollu, jeħtieġ li s-Serbja tagħmel aktar sforzi sostanzjali dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet eżistenti u tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' ċirkustanzi li jwasslu għan-normalizzazzjoni sħiħa tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, li għandhom jiġu definiti fi ftehim legalment vinkolanti.

Fejn jidħlu l-**kriterji ekonomiċi**, is-Serbja għamlet progress sew hu hi ppreparata b'mod moderat fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effettiva. Ġew indirizzati xi wħud mid-dgħufijiet politiċi tagħha, partikolarment fir-rigward tad-defiċit tal-baġit. Il-karatteristiċi fundamentali tat-tkabbir huma sodi u ġiet ippreservata l-istabbiltà makroekonomika. L-inflazzjoni nżammet baxxa u l-politika monetarja appoġġat it-tkabbir. Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol tjebu aktar. Madankollu, id-dejn tal-gvern, għalkemm imnaqqas, għadu għoli u l-qafas baġitarju u l-governanza tiegħu jeħtieġ li jissaħħu. Ir-riformi strutturali kbar tal-amministrazzjoni pubblika, l-awtorità tat-taxxa, u l-intrapriżi proprjetà tal-istat jibqgħu mhux kompluti. L-impjiegi informali, il-qgħad u l-inattività ekonomika għadhom għoljin ħafna, b'mod partikolari fost in-nisa u ż-żgħażaġh. Is-settur privat mhux żviluppat biżżejjed u huwa mfixkel minn nuqqasijiet fl-istat tad-dritt u l-infurzar ta' kompetizzjoni ġusta.

Is-Serbja, hija mħejjija flivell moderat fil-ħila tagħha li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni. Sar xi progress biex tiżdied il-kompetittività. Madankollu, il-livell ta' investiment għadu 'l isfel mill-ħtiġijiet tal-ekonomija. Minkejja xi titjib, il-kumpaniji jiffaċċjaw għadd ta' diffikultajiet, inkluż ambjent ta' negozju mimli sfidi, livell għoli ta' imposti para fiskali, aċċess diffiċli u għali għall-finanzjament.

Rigward l-abbiltà tagħha li tiegħu fuqha l-obbligi tas-sħubija, is-Serbja kompliet tallinja tuħha mal-*acquis* tal-UE fis-setturi kollha. Ir-riżorsi finanzjarji u umani adegwati kif ukoll oqsfa strateġiċi sodi se jkun kruċjali għaż-żamma tal-pass tar-riformi. Is-Serbja għandha livell tajjeb ta' tħejjija f'oqsma bħal ma huma l-liġi tal-kumpaniji, il-proprjetà intellettuali, ix-xjenza u r-riċerka, l-edukazzjoni u l-kultura u d-dwana. Is-Serbja tejbet ir-rabta tal-ippjanar tal-investiment tagħha mal-eżekuzzjoni tal-baġit iżda għad trid tiżviluppa mekkaniżmu uniku għall-prijoritizzazzjoni tal-investimenti kollha irrispettivament mis-sors ta' finanzjament skont il-programm tal-gvern ta' riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. Fl-oqsma bħal tal-akkwist pubbliku, l-istatistika, il-politika monetarja u l-kontroll finanzjarju, is-Serbja hija mħejjija flivell moderat. Is-Serbja għandha bżonn tallinja l-politika tagħha barranija u ta' sigurta f'it f'it mal-politika komuni barranija u ta' sigurta tal-Unjoni Ewropea fil-perjodu li jwassal għall-adeżjoni. Jeħtieġ li s-Serbja tindirizza, bħala kwistjoni ta' prijorità, kwistjonijiet

ta' nuqqas ta' konformità mal-SAA fir-rigward ta' restrizzjonijiet b'mod partikolari fuq il-moviment tal-kapital, regolamentazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, id-diskriminazzjoni fiskali fuq spirti importati u restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-iskart.

Is-Serbja kompliet timmaniġġa l-effetti tal-**kriżi tal-migrazzjoni u r-refuġjati**. Is-Serbja qiegħda fil-proċess li tinnegozja mal-UE il-ftehim dwar l-*istatus* tal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fis-Serbja. Is-Serbja adottat liġi ġdida dwar l-ażil u l-protezzjoni temporanja, liġi dwar barranin, u liġi dwar il-kontroll tal-fruntieri. Hemm bżonn li tiġi adottata strateġija u pjan ta' azzjoni għall-2017-2020 kontra l-immigrazzjoni irregolari. F'dan il-kuntest, is-Serbja hemm bżonn li tpoġġi fis-seħħ mekkaniżmu robust ta' ritorn għall-immigranti irregolari, li jkun konformi mal-*acquis* tal-UE, kif ukoll li jallinja progressivament il-politika tiegħu dwar il-viżi ma' dik tal-UE. Trid tiġi żgurata koordinazzjoni aktar f'saħħitha fost l-awtoritajiet varji tal-Istat involuti fl-immuniġġjar tal-migrazzjoni. Is-Serbja kompliet tikkoopera mal-pajjiżi ġirien u l-Istati Membri, b'mod partikolari fuq il-livell tekniku, u għamlet sforzi sostanzjali biex tipprovdi kenn u provvisti umanitarji, primarjament bl-appoġġ tal-UE. Is-Serbja teħtieġ li żżid il-kapaċità tagħha biex tindirizza l-ħtiġijiet speċjali tal-akkoljenza ta' minorenni mhux akkumpanjati.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja:

Fir-rigward tal-**kriterji politiċi**, il-pajjiż fl-aħħar għeleb definnittivament l-aġħar kriżi politika tiegħu mill-2001. Il-proċess diffiċli tal-formazzjoni tal-gvern laħaq punt kritiku matul l-attakki tas-27 ta' April 2017 fil-Parlament, li ġew ikkundannati bl-aktar mod qawwi mill-komunità internazzjonali. Minn Mejju 2017 'l hawn, gvern ġdid orjentat lejn ir-riformi ħa passi biex jindirizza l-manipulazzjoni tal-Istat billi jiġu restawrati gradwalment il-kontrolli u l-bilanċi, it-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-pajjiż għaddej minn bidliet fundamentali f'soċjetà aktar inklużiva u atmosfera politika miftuħa. L-elezzjonijiet muniċipali f'Ottubru 2017 ikkonfermaw l-appoġġ taċ-ċittadini għal politiki dwar l-UE ta' koalizzjoni tal-gvern. Il-Parlament kompli jaħdem mal-partiti tal-oppożizzjoni li tippresjedi kumitati importanti. Il-Parlament jeħtieġ li jsaħħaħ is-superviżjoni u l-funzjonijiet leġiżlattivi tiegħu, inkluż billi jrażżan l-użu estensiv ta' proċeduri mqassra.

Filwaqt li s-sitwazzjoni interetnika kienet fraġli, b'mod ġenerali s-sitwazzjoni baqgħet kalma. Ir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Qafas Ohrid, li temm il-kunflitt tal-2001 u jipprovdi l-qafas tar-relazzjonijiet interetniċi, jeħtieġ li jiġi segwit b'mod trasparenti u inklużiv. Il-gvern wera l-impenn li tiżdied il-fiduċja fost il-komunitajiet.

Is-soċjeta ċivili kellha rwol kostruttiv fl-appoġġ ta' proċessi demokratiċi u biex tiżgura li jkun hemm aktar kontrolli u bilanċi. Sa mit-tieni nofs tal-2017, il-klima li fiha joperaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tjebet u l-gvern wera impenn favur id-djalogu u l-inklużjoni.

Il-pajjiż huwa mħejji b'mod moderat fejn tidħol ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tiegħu. Sar progress tajjeb bl-adozzjoni tal-istrateġija għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-programm ta' riforma tal-ġestjoni finanzjarja pubblika. Saru sforzi konkreti biex tiżdied it-trasparenza u r-responsabbiltà u jiġu involuti partijiet interessati esterni fit-tfassil tal-politika. Hemm bżonn li tittejjeb il-kapaċità tal-Ministeru għas-Soċjetà tal-Infurmazzjoni u l-Amministrazzjoni biex imexxi u jikkoordina r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Għadu essenzjali impenn politiku qawwi biex tiġi garantita l-professjonalità tal-amministrazzjoni pubblika, speċjalment dwar ħatriet ta' amministrazzjoni għolja, u r-rispett

lejn il-prinċipji tat-trasparenza, il-mertu u r-rappreżentanza ekwa skont l-ispirtu u n-natura tal-leġislazzjoni.

Is-sistema ġudizzjarja tal-pajjiż għandha ċertu livell ta' thejjiġa u sar progress tajjeb, b'mod partikolari fl-aħħar parti tal-perjodu ta' rapportar. Ir-rigress tas-snin ta' qabel beda jiġi rivertit permezz ta' passi deċiżivi meħuda f'dawn l-aħħar xhur, b'mod partikolari sabiex tiġi restawrata l-indipendenza tal-ġudikatura. Il-pajjiż adotta strateġija ġdida kredibbli ta' riforma ġudizzjarja li tistabilixxi l-bażi għal aktar riforma f'dan il-qasam, u ġew emendati partijiet ewlenin tal-leġislazzjoni f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u l-"Prijoritajiet Urġenti ta' Riforma". L-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali jiffaċċja inqas xkiel mill-qrati, u dan jippermettilu jaħdem b'mod aktar effettiv. Hemm bżonn sforzi sustnuti biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet pendenti u biex jiġi żgurat li l-ġudikatura tista' tiffunzjona mingħajr influwenza mhux dovuta.

Rigward il-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**, il-pajjiż akkwista ċertu livell ta' thejjiġa. Il-qafas leġislativ u istituzzjonali jinsab fis-seħħ, kif ukoll rekord kemm fil-prevenzjoni kif ukoll fil-prosekuzzjoni, għalkemm għadhom limitati s-sentenzi finali tal-qorti dwar każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja. Il-kapaċità tal-istituzzjonijiet biex jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-korruzzjoni wriet nuqqasijiet strutturali u operattivi. L-indiċi politiku għadu riskju.

Rigward il-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**, il-pajjiż laħaq xi livell ta' thejjiġa. Il-qafas leġislativ huwa b'mod ġenerali konformi mal-istandards Ewropej u jridu jkomplu l-istrateġiji ta' implimentazzjoni. Il-pajjiż ħa passi lejn ir-riforma tas-sistema tal-interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet u biex jiġu indirizzati l-"Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti". Jeħtieġ li jsir aktar fil-**ġlieda** effikaċi kontra ċerti forom ta' kriminalità bħall-**ħasil** tal-flus u l-kriminalità finanzjarja. Hija essenzjali l-koordinazzjoni fost il-partijiet interessati rilevanti kollha. Jeħtieġ jitjeb ir-rekord ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni fil-**ġlieda** kontra l-kriminalità organizzata. In-numru ta' kundanni għadu baxx.

Il-qafas legali u istituzzjonali għall-protezzjoni tad-**drittijiet fundamentali** fil-parti l-kbira huwa fis-seħħ u r-riformi tejbu l-konformità mal-istandards Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem. L-implimentazzjoni sħiħa teħtieġ sforzi kontinwi. Hija ħaġa pożittiva li l-pajjiż irrattifika l-Konvenzjoni dwar il-prevenzjoni u l-**ġlieda** kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (magħrufa wkoll bħala l-Konvenzjoni ta' Istanbul), bdiet ir-riformi legali meħtieġa għall-istabiliment ta' mekkaniżmu ta' sorveljanza esterna tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u li l-emendi għall-qafas għan-nondiskriminazzjoni kienu ppreparati b'mod inklużiv. Is-sitwazzjoni fil-**ħabsijiet** u l-istituzzjonijiet psikjatriċi trid tiġi indirizzata, il-każijiet ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda jridu jiġu segwiti u l-korpi involuti fil-protezzjoni u trid tissaħħaħ il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Aktar sforzi huma meħtieġa rigward l-inklużjoni tar-**Roma**. Fir-rigward tal-**libertà ta' espressjoni**, il-pajjiż kiseb ċertu livell ta' preparazzjoni u għamel progress tajjeb, notevolment permezz ta' titjib tal-klima għall-midja u inqas pressjoni fuq il-ġurnalisti. Il-pajjiż jeħtieġ li jindirizza l-isfidi li fadal, inkluża r-riforma tax-xandar pubbliku.

Għar-rigward tal-**kooperazzjoni reġjonali**, il-pajjiż b'mod ġenerali żamm relazzjonijiet tajbin ma' pajjiż oħra involuti fit-tkabbir u pparteċipa b'mod attiv f'inizjattivi reġjonali. Ittieħdu passi deċiżivi biex jitjiebu r-relazzjonijiet tajba mal-pajjiżi ġirien, inkluż permezz tad-dħul fis-seħħ tat-trattat bilaterali mal-Bulgarija. Il-"kwistjoni tal-isem" jeħtieġ li tiġi riżolta urġentement. Intensifikaw it-taħdidiet dwar il-"kwistjoni tal-isem" taħt l-awspicċi tan-Nazzjonijiet Uniti. Id-diskussjonijiet kostruttivi fil-livell tal-Prim Ministru u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin ivvalutaw b'mod pożittiv il-progress fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' bini ta' fiduċja. Id-dikjarazzjoni konġunta tal-Prim Ministri tal-Greċja u ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava

tal-Maċedonja f'Jannar 2018, li tinvolti t-tibdil tal-isem tal-ajruport ta' Skopje u ta' awtostrada u li jipproċedu b'xi inizjattivi tal-UE b'xi dewmien, kienu sinjali konkreti ta' tisħiħ ta' fiduċja reċiproka.

Għar-rigward tal-**kriterji ekonomiċi**, dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja gamlet xi progress u għandha livell tajjeb ta' tħejjija fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effettiva. Minkejja l-istaġnar politiku fl-ewwel nofs tas-sena, sar titjib notevoli, b'mod partikolari fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u t-trasparenza. Għad hemm dgħufijiet ewlenin tal-ekonomija. Dawn jinkludu nuqqasijiet fl-ambjent tan-negozju, bħalma huma l-infurzar dgħajjed tal-kuntratti u l-ekonomija informali kbira. Il-problemi strutturali tas-suq tax-xogħol huma riflessi f'attività baxxa u rati għolja ta' qgħad. L-ambjent makroekonomiku iddeterjora fl-ewwel nofs tal-2017, hekk kif il-kriżi politika li ilha għaddejja żmien twill ħalliet marka fuq l-investment. Il-politika fiskali hija mmirata lejn miżuri fuq medda qasira ta' żmien u hija nieqsa minn pjan ta' konsolidament fit-tul.

L-ekonomija għamlet xi progress u hija moderatament preparata fil-kapaċità tagħha biex taffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE. Sar progress ulterjuri lejn id-diversifikazzjoni tal-esportazzjonijiet u b'valur miżjud oġġla tal-produzzjoni fis-settur tal-manifattura. Ir-relazzjonijiet tal-kummerċ u l-investment mal-UE komplew jintensifikaw. L-ekonomija għadha ssofri minn nuqqasijiet fil-kurrikula tal-edukazzjoni, ir-rati baxxi ta' innovazzjoni u lakuni sinjifikanti ta' investment inkluż b'mod partikolari l-infrastruttura pubblika.

Għar-rigward tal-ħila tiegħu li jieħu fuq l-obbligi tas-sħubija, il-pajjiż għandu tħejjija moderata fil-biċċa l-kbira tal-oqsma, inkluż fl-oqsma tal-kompetizzjoni, it-trasport u l-enerġija. Il-pajjiż juri livell tajjeb ta' tħejjija f'oqsma bħalma huma l-liġi tal-kumpaniji, l-unjoni doganali, in-netwerks Trans-Ewropej, ix-xjenza u r-riċerka. Huma meħtieġa aktar sforzi b'mod ġenerali, b'mod partikolari f'dawk il-ftit oqsma fejn il-pajjiż għadu fi stat bikri ta' tħejjija, bħal fil-każ tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Hemm bżonn ukoll ta' aktar iffokar fuq il-kapaċità amministrattiva u l-implimentazzjoni effettiva. Il-pajjiż kompla jtejjeb l-allinjament tiegħu mad-dikjarazzjonijiet tal-UE u mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja komplet timmaniġġa l-effetti tal-**kriżi tal-migrazzjoni u r-refuġjati**. Il-pajjiż qiegħed fil-proċess li jinneozja mal-UE il-ftehim dwar l-istatus tal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-pajjiż. Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja għamlet sforzi biex ittejjeb il-qafas legali tagħha. Ix-xogħol fuq l-emendi tal-Liġi dwar il-Barranin għadha għaddejja. Il-pajjiż kompla jimplementa r-Riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Politika tal-Migrazzjoni. Il-pajjiż baqa' għaddej bl-isforzi biex titjeb is-sistema tal-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. Għad hemm bżonn reġistrazzjoni sistematika għall-migranti u tfassil tal-profilu protettivi-sensittivi, li jiggarrantixxu li l-ħtiġijiet tal-individwi jkunu indirizzati. F'dan il-kuntest, dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja hemm bżonn li tpoġġi fis-seħħ mekkaniżmu ta' ritorn għall-immigranti irregolari, li jkun konformi mal-*acquis* tal-UE, kif ukoll li tallinja progressivament il-politika tiegħu dwar il-viżi ma' dik tal-UE. Il-pajjiż kompla jikkoopera mal-pajjiżi ġirien u l-Istati Membri, b'mod partikolari fuq il-livell tekniku, u għamel sforzi sostanzjali biex jipprovdi kenn u provvisti umanitarji, primarjament bl-appoġġ tal-UE.

L-Albanija

Fir-rigward tal-**kriterji politiċi**, kien għad hemm polarizzazzjoni qawwija fl-istabbiliment politiku. Attivitajiet parlamentari kienu affettwati minn żmien twil ta' bojkott mill-

oppożizzjoni kmieni fl-2017, li dewwem ukoll il-ħatra tal-istituzzjonijiet ta' skrutinju ġudizzjarju. F'Mejju, ftehim bejn il-partit prinċipali fil-gvern u l-oppożizzjoni ppermetta li jergġu jibdedw l-attivitajiet parlamentari, u skattaw xi bidliet fil-qafas leġiżlattiv elettorali. Dan wassal għall-organizzazzjoni bla xkiel tal-elezzjonijiet ġenerali f'Ġunju, għalkemm baqgħu ppendenti għadd ta' rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. Sar xi progress lejn it-titjib tal-funzjonament tal-Kunsill Nazzjonali għas-Soċjetà Ċivili. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jinvolvu iktar organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bħala parti minn dialogu politiku inklużiv.

L-Albanija hija mħejjija b'mod moderat fejn tidħol ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika tagħha. Issuktaw l-isforzi, li rriżultaw f'xi progress fl-effiċjenza u t-trasparenza tat-twassil tas-servizzi pubbliċi, it-taħriġ ta' impjegati taċ-ċivil, proċeduri ta' reklutaġġ aktar trasparenti, u għat-tishiġ globali ta' proċeduri ta' servizz ċivili bbażat fuq il-mertu. jinħtieġ li l-konsolidazzjoni ta' dawn il-kisbiet tavanza aktar, biex jiġi żgurat suq aktar effiċjenti, u depolitiċizzat, u amministrazzjoni pubblika professjonali.

Is-sistema ġudizzjarja tal-Albanija laqet xi livell ta' tħejjija. Kompliet l-implimentazzjoni ta' riforma tal-ġustizzja komprensiva u profonda, li rriżulta fi progress tajjeb b'mod ġenerali. Bdiet l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin u l-prosekuturi kollha (il-proċess ta' skrutinju) u qed tagħti l-ewwel riżultati tanġibbli. Dan il-proċess għandu appoġġ mill-partiti kollha, jitwettaq minn awtorità indipendenti, huwa soġġett għal monitoraġġ internazzjonali u l-kompatibbiltà tiegħu mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ġiet ikkonfermata mill-Kummissjoni ta' Venezja. Taħt il-patroċinju tal-Kummissjoni Ewropea, li ġiet imbolizzata Operazzjoni Internazzjonali ta' Monitoraġġ biex tissorvelja l-proċess matul l-implimentazzjoni tiegħu. L-istituzzjonijiet awżiljarji li jirfdu l-proċess lestew l-ewwel rapporti dwar il-valutazzjonijiet tal-profiċjenza, il-kontrolli tal-kondotta u d-dikjarazzjonijiet tal-assi.

L-Albanija kisbet ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Sar progress tajjeb, partikolarment bl-adozzjoni ta' emendi għall-kodiċi ta' proċedura kriminali. Qed tiġi stabbilita katina ta' korpi speċjalizzati kontra l-korruzzjoni, inkluż l-uffiċċju tal-prosekutur speċjali. Żdied l-għadd ta' kundanni finali li jinvolvu uffiċjali ta' livell medju jew anqas meta mqabbel mal-perjodu ta' rapportar preċedenti. Il-kundanni ta' uffiċjali ta' livell għoli sehew l-aktar fil-ġudikatura (l-imħallfin u l-prosekuturi); madankollu, ir-rata ta' kundanni finali għal uffiċjali ta' grad għoli għadha ġeneralment baxxa ħafna. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema serja.

L-Albanija għandha ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. B'mod ġenerali kien hemm xi progress matul il-perjodu ta' rapportar, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra l-kultivazzjoni tal-kannabis. L-Albanija teħtieġ tibni fuq ir-riżultati operattivi f'dan il-qasam, tintensifika l-konfiska tal-assi li jappartjenu għal gruppi kriminali u teqred il-ħażniet tal-kannabis eżistenti kollha. L-emendi fil-liġi kontra l-mafja u l-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali ħolqu l-kundizzjonijiet għal aktar effiċjenza tal-investigazzjonijiet kriminali. L-Albanija ħadet sehem b'suċċess fil-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u intensifikat l-interazzjonijiet partikolarment mal-Istati Membri tal-UE. Fil-livell domestiku, għad hemm bżonn titjib tal-kooperazzjoni tal-prosekuzzjoni tal-pulizija. Rigward it-track record, ftit li xejn kien hemm progress fiż-żarmar ta' gruppi kriminali organizzati. L-għadd finali ta' kundanni f'każijiet ta' kriminalità organizzata għadu baxx ħafna u żdiedu biss marġinalment. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu indirizzati l-**ħasil tal-flus**, l-assi kriminali u l-ġid mhux ġustifikat.

L-Albanija rratifikat il-biċċa l-kbira tal-konvenzjonijiet tad-**drittijiet tal-bniedem** u żviluppat il-qafas legali tagħha f'konformità mal-istandards Ewropej. L-infurzar tal-mekkaniżmi tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għad irid jissaħħa. Għar-rigward tal-**libertà tal-espressjoni**, l-Albanija kisbet ċertu livell ta' tħejjija / kisbet livell moderat ta' tħejjija. Kien hemm xi progress fit-tiġi tal-indipendenza tal-awtorità regolatorja u tax-xandir pubbliku iżda t-trasparenza tar-riklami mill-istat fil-midja għad trid tiġi msaħħa. Għad baqa' progress xi jsir fil-qasam tad-drittijiet għall-proprjetà bl-aġġornament tal-leġiżlazzjoni attwali u t-tiġi ta' koordinazzjoni istituzzjonali. Il-mekkaniżmi istituzzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal u biex tiġi mrażna l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru għadhom batuti. Ittieħdu passi importanti biex jittejjeb il-qafas legali fir-rigward tar-rispett u l-protezzjoni tal-minoranzi iżda hemm bżonn li tiġi żviluppata l-leġiżlazzjoni sekondarja rilevanti. Jeħtieġ li jittejbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien tar-Rom u tal-Eġizzjani.

L-Albanija kompliet tipparteċipa b'mod attiv fil-**kooperazzjoni reġjonali** u żżomm relazzjonijiet tajba mal-ġirien tagħha. Ittieħdu passi importanti biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet bilaterali mal-Greċja.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, l-Albanija għamlet xi progress u għandha livell moderat ta' preparazzjoni biex tiżviluppa ekonomija tas-suq li taħdem. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG u d-defiċit tal-kont kurrenti tnaqqsu. It-tkabbir ekonomiku kompli jżied u l-qgħad naqas iżda għadu għoli. Is-self mhux produttiv fis-settur bankarju ġie mnaqqas, iżda s-self tal-banek lill-impriżi għadu batut. Ir-riformi kruċjali biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju għamli progress imma għad għandhom bżonn ta' iktar sforz, inkluż it-tnaqqis tal-ekonomija informali. Ir-riforma ġudizzjarja komprensiva avvanzat iżda jeħtieġ li tiġi implimentata b'mod sħiħ. Il-liġi l-ġdida dwar il-falliment daħlet fis-seħħ u għandha ssaħħa is-sistema tal-insolvenza. Madanollu, r-regolamenti rilevanti għan-negozji għadhom ikkumplikati u n-nuqqasijiet fejn jidħol l-istat tad-dritt baqgħu ixekklu n-negozju u jgerrxu l-investment.

L-Albanija għamlet xi progress u għandha livell moderat ta' tħejjija fil-kapaċità tagħha biex taffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE. B'mod speċifiku, sar progress dwar l-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport u d-diġitalizzazzjoni, għalkemm għad hemm xi nuqqasijiet li qed jostakolaw il-kompetittività u l-kummerċ tal-Albanija. Jeħtieġ li l-kwalità tal-edukazzjoni tiżdied fuq il-livelli kollha, mhux l-inqas sabiex in-nies jingħataw b'mod aħjar il-ħiliet li għandu bżonn is-suq tax-xogħol. Il-kummerċ barrani għadu 'l isfel mill-potenzjal u settorjalment ikkonċentrat. Il-kapaċità tal-Albanija għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni għadha baxxa.

L-Albanija kompliet tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mar-rekwiżiti tal-UE f'għadd ta' oqsma, b'mod li tejbet l-abbilta tagħha li tieħu fuqha l-obbligi tas-sħubija. Il-pajjiż għandu livell moderat ta' tħejjija f'bosta oqsma, bħal fil-kontroll finanzjarju, l-edukazzjoni u l-kultura, jew għandu ċertu livell ta' tħejjija fl-oqsma tal-akkwist pubbliku u l-istatistika. L-Albanija se jkollha bżonn tkompli bl-isforzi tagħha għar-rigward tal-preparazzjonijiet ġenerali għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-UE. Jinħtieġ li tkompli taħdem fuq l-iżvilupp tan-netwerks tat-trasport u tal-enerġija, anki bil-ħsieb ta' titjib tal-konnettività madwar ir-reġjun. Il-kapaċità amministrattiva u l-istandards professjonali tal-korpi li se jkunu inkarigati bl-implimentazzjoni tal-*acquis* hemm bżonn li tissaħħa u li tiġi salvagwardjata l-indipendenza tal-korpi regolatorji. It-titjib tat-trasparenza u tar-responsabbiltà, b'mod partikolari biex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv, effikaċi u trasparenti tas-sistema tal-akkwist pubbliku u tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, għadu essenzjali. L-Albanija kompliet tallinja ruħha kompletament mal-pożizzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet komuni kollha tal-UE rigward l-affarijiet barranin u dawk li jolqtu s-sigurtà.

L-għadd ta' applikazzjonijiet infondati għall-ażil li tressqu minn ċittadini Albaniżi fi Stati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati ma' Schengen baqa' għoli. L-Albanija wriet l-impenn u adottat għadd ta' miżuri, inkluż kooperazzjoni bilaterali msaħħa mal-Istati Membri relevanti tal-UE. Dawn il-miżuri ħallew riżultati pożittivi. Għandhom jissoktaw aktar azzjonijiet deċiżivi, inkluż fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' sorveljanza ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża, biex tindirizza dan il-fenomenu b'mod effettiv. L-Albanija teħtieġ li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' ritorn għal migranti irregolari, li jkun konformi mal-*acquis* tal-UE, kif ukoll biex tallinja b'mod progressiv il-politika tagħha tal-viża ma' dik tal-UE.

Il-Bożnija-Herzegovina

Rigward il-**kriterji politiċi**, ill-qafas elettorali jibqa' jiġi emendata b'urġenza bil-ħsieb li tiġi żgurata l-organizzazzjoni kif imiss tal-elezzjonijiet ta' Ottubru 2018 u tal-implimentazzjoni mingħajr intoppi tar-riżultati. F'dan ir-rigward, hemm bżonn li l-mexxejja politiċi kollha jassumu r-responsabbiltà tagħhom u jsibu soluzzjoni fir-rigward tal-Kamra Federali tal-Popli. Id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-2010 dwar ir-rispett tad-dritt demokratiku bażiku taċ-ċittadini ta' Mostar li jivvotaw fl-elezzjonijiet lokali għad trid tiġi implimentata. L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tirriżulta mill-Aġenda ta' Riforma, inkluża l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tat-taxxa tas-sisa, ġiet milquta b'mod negattiv minn tensjonijiet bejn il-koalizzjoni li qiegħda tiggverna u l-partiti tal-oppożizzjoni fil-Parlamenti fil-livell ta' stat u ta' entità, li wasslet għal tnaqqis fir-ritmu tal-pass tar-riforma. L-Aġenda ta' Riforma ġiet implimentata b'mod effettiv fil-livell tal-istat u dak tal-entitajiet ikkooperaw b'mod koordinat. Il-kostituzzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għadha tikser il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, skont il-kawżi *Sejdić-Finci* relatati.

Il-funzjonament tal-Presidenza tal-Bosnja u Herzegovina ntlaqtet mill-espressjoni ta' pożizzjonijiet diverġenti minn membri individwali tagħha dwar għadd ta' kwistjonijiet fil-kompetenza tagħha dwar il-politika barranija. Il-Kunsill tal-Ministri adotta aktar strateġiji għall-pajjiż kollu fuq oqsma bħalma huma l-ambjent u l-iżvilupp rurali. Madankollu, bl-eċċezzjoni ta' ftit ta' riformi u l-adozzjoni notevoli tal-leġiżlazzjoni tas-sisa, għadd ta' riformi ġew ittardjati minħabba nuqqas ta' ftehim fost il-membri tal-koalizzjoni. Għad iridu jiġu adottati strateġiji fil-pajjiż kollu f'oqsma bħalma huma l-enerġija, l-impjeg jew il-ġestjoni finanzjarja pubblika. Il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni dwar kwistjonijiet tal-UE beda jaħdem f'Ġunju 2017 bit-*tħejjija* ta' tweġibiet tal-pajjiż tal-Kwestjonarju tal-Opinjoni tal-Kummissjoni. Għad irid jiġi adottat programm strateġiku għall-approssimazzjoni legali tal-pajjiż mal-*acquis* tal-UE.

Il-Bożnija-Herzegovina għadha fi stadju bikri fir-riforma tal-**amministrazzjoni pubblika** tagħha u ma sar l-ebda progress matul is-sena li għaddiet. Qed tiġi żviluppata strateġija ta' riforma mal-pajjiż kollu tal-amministrazzjoni pubblika u għad trid tiġi adottata. Il-frammentazzjoni ulterjuri tas-servizz ċivili fl-entità Federali u fil-livell kantonali żiedet ir-riskju ta' politiċizzazzjoni. Il-Bożnija-Herzegovina kisbet ċertu livell ta' *tħejjija* rigward is-**sistema ġudizzjarja** tagħha. Sar xi progress fir-rigward tal-ġudikatura, iżda b'mod ġenerali, ir-riformi mexjin b'pass kajman. Jinħtieġ li kwalunkwe reviżjoni tal-kodiċi ta' proċedura kriminali tkun konformi mal-istandards internazzjonali u jinħtieġ li ma timminax l-abbiltà tal-istituzzjonijiet li jittrattaw il-kriminalità serja organizzata, il-korruzzjoni jew l-isfidi tal-istat tad-dritt. Għad hemm ċertu livell ta' *tħejjija* fil-**ġlieda kontra l-korruzzjoni**. Madankollu, il-korruzzjoni għadha mifruxa u għadha kwistjoni ta' *tħassib*. Il-Bożnija-Herzegovina kisbet ċertu livell ta' *tħejjija* fil-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**. Sar xi progress, b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' strateġija ġdida dwar il-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata** u t-trażżin u t-twettiq tal-pjan ta' azzjoni dwar il-**ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-**

terroriżmu, minħabba li l-Bożnja u Herzegovina mhux se tkun soġġetta aktar għal Monitoraġġ tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja. Madankollu, huma meħtieġa sforzi sinifikanti rigward l-investigazzjonijiet finanzjarji u biex jitjiebu l-kapaċitajiet għall-għieda kontra t-terroriżmu kif ukoll billi titjeb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri.

Inkiseb xi progress dwar id-**drittijiet tal-bniedem** u kwistjonijiet tal-minoritajiet. Madankollu, l-oqsfa strateġiċi, legali, istituzzjonali u ta' politika għall-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem għad għandhom bżonn titjeb sostanzjali. Dan jinkludi l-**libertà tal-espressjoni** fejn baqgħet għaddejja l-persjoni politika u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti, inklużi attacchi fiżiċi u verbali. In-nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-ħarsien minn vjolenza fuq il-bażi ta' sess, b'mod partikolari l-vjolenza domestika, jibqa' jikkawża tħassib. Hu meħtieġ approċċ aktar komprensiv u integrat lejn il-popolazzjoni tar-**Roma** biex titrawwen l-inklużjoni soċjali tagħhom.

Il-konformità tal-Bożnja u Herzegovina mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE għad trid titjeb.

Dwar l-**iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività**, il-Bożnja u Herzegovina għamlet xi progress, iżda għadha fi stadju bikri biex tistabilixxi ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Sar ċertu progress tal-ambjent tan-negozju u ssaħħaħ is-settur finanzjarju. Il-kwistjonijiet pendenti ewlenin huma, stat tad-dritt dgħajjef, ambjent tan-negozju li għadu lura, u amministrazzjoni pubblika frammentata u ineffiċjenti, u żbilanċji kbar fis-suq tax-xogħol, relatati ma' sistema ta' edukazzjoni fqira, kapaċitajiet istituzzjonali dgħajfa u klima ta' investiment li ma toffrix appoġġ. Barra minn hekk, l-ekonomija informali għadha sinifikanti.

Il-Bożnja-Ħerzegovina għamlet xi progress u għadha fi stadju bikri biex tkun kapaċità taffaċċja l-persjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-Unjoni. Il-livell ġenerali tal-edukazzjoni u tal-infiq fuq ir-riċerka u l-iżvilupp baqa' baxx. Il-kwalità tal-kapital fiżiku ssofri minn nuqqas ta' investiment. L-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija mhijiex żviluppata biżżejjed. Ir-ritmu tal-aġġustament strutturali kien batut, għalkemm kien hemm xi diversifikazzjoni fl-istruttura tal-kummerċ reġjonali tal-pajjiż.

Il-kapaċità tal-ġestjoni tal-**migrazzjoni**, partikolarment fejn jidħlu gruppi vulnerabbli, għad trid tiġi msaħħa. Il-Bożnja u Ħerzegovina teħtieġ li tistabilixxi mekkaniżmu ta' ritorn tal-immigranti irregolari.

II-Kosovo

Fir-rigward tal-**kriterji politiċi**, il-Kosovo kellu elezzjonijiet presidenzjali kmieni f'Ġunju 2017. Inħatru Assemblea u Gvern ġdid f'Settembru. Sa issa, madankollu, il-koalizzjoni l-ġdida kellha suċċess limitat biex tippreżenta riformi relatati mal-UE u tibni kunsens dwar kwistjonijiet strateġiċi ewlenin għall-Kosovo. Il-frammentazzjoni politika kontinwa u l-polarizzazzjoni affettwaw ħażin ir-rwol tal-Assemblea u kellhom impatt fuq l-effettività tal-gvern. L-imġiba ta' ostakli minn xi membri parlamentari, inkluż l-użu tal-gass tad-dmugħ, fixxkel il-ħidma tal-Assemblea. Ir-ratifika tal-ftehim ta' demarkazzjoni tal-fruntieri / konfini mal-Montenegro f'Marzu 2018 kien pass importanti 'il quddiem.

L-elezzjonijiet parlamentari u muniċipali, li saru fl-2017, kienu ġeneralment kompetittivi u amministrati sew f'ħafna postijiet fil-Kosovo. Madankollu, qajmu tħassib il-forom ta' intimidazzjoni f'ħafna komunitajiet Kosovari Serbi, li jimmiraw b'mod partikolari lejn kandidati li ma jappartjenux għall-partit Srpska Lista.

Il-kuntest fit-Tramuntana tal-Kosovo joffri sfidi partikolari. Għadha għaddejja l-investigazzjoni dwar il-qtil tal-politiku Kosovar Serb Oliver Ivanović f'Janar 2018.

L-attentati minn membri tal-Assemblea tal-Kosovo f'Diċembru 2017 biex jabrogaw il-Liġi dwar il-Kmamar tal-Ispječjalisti u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat qajmu tħassib serju. Se jkun essenzjali għall-Kosovo li jikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi internazzjonali tiegħu fir-rigward tal-Kmamar tal-Ispječjalisti u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat u juri l-impenn sħiħ u inekwivokabbli għal dawn l-istituzzjonijiet.

Jeżisti ċertu livell ta' tħejjija fil-qasam tar-riforma fl-amministrazzjoni pubblika. Sar xi progress b'mod partikolari bir-rieżami tal-aġenziji u l-korpi (semi) indipendenti. Il-politiċizzazzjoni kontinwa tal-amministrazzjoni pubblika għadha ta' tħassib, u taffettwa b'mod negattiv l-effiċjenza u l-indipendenza professjonali tal-amministrazzjoni pubblika.

Is-sistema **ġudizzjarja** tal-Kosovo għadha fi stadju bikri. Sar xi progress fl-implimentazzjoni tal-pakkett ta' liġijiet tal-ġustizzja tal-2015. L-integrazzjoni tal-imħallfin u l-prosekuturi Kosovari Serbi u l-persunal ta' ġestjoni tagħhom madwar il-Kosovo fis-sistema ġudizzjarja tal-Kosovo kienet kisba kbira tal-2017. Il-ġudikatura għadha vulnerabbli quddiem influwenza politika mhux dovuta u l-istituzzjonijiet tal-istat tad-dritt jeħtieġu sforzi kontinwi biex jibnu l-kapaċitajiet tagħhom. L-amministrazzjoni tal-ġustizzja xorta waħda għadha miexja b'mod kajman u ineffiċjenti.

Il-Kosovo għadu fi stadju bikri / kiseb ċertu livell ta' tħejjija fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-Kosovo għamel xi progress rigward ir-rekord fuq l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' korruzzjoni ta' livell għoli u każijiet ta' kriminalità organizzata, inklużi l-kundanni finali. Sar ukoll progress dwar il-konfiska preliminari tal-assi għalkemm il-konfiski finali jibqgħu baxxi. Il-korruzzjoni hija mifruxa u għadha kwistjoni ta' tħassib. Huma meħtieġa sforzi kordinati biex tiġi indirizzata din il-problema b'mod komprensiv u b'mod strateġiku.

Il-Kosovo jinsab fi stadju bikri fil-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata**. Sar xi progress rigward ir-rekord fil-korruzzjoni ta' livell għoli u każi ta' kriminalità organizzata. Filwaqt li hemm iktar konfiski preliminari tal-assi, għad hemm ftit kundanni finali, investigazzjonijiet finanzjarji u konfiski finali tal-assi. L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi qed ibatu biex jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-kriminalità organizzata fit-Tramuntana tal-Kosovo. Sar xi progress fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż permezz ta' miżuri li jindirizzaw l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni, u biex jipprevjenu liċ-ċittadini milli jingħaqdu ma' kunflitti barra mill-pajjiż. L-awtoritajiet tal-Kosovo jeħtieġ li jkun aktar effettivi fl-isforzi tagħhom li jiġġieldu l-ħasil tal-flus u jinħtieġ li l-liġi rilevanti ssir konformi mal-*acquis* tal-UE u l-istandards internazzjonali.

Il-qafas legali jggarantixxi b'mod wiesa' l-protezzjoni tad-**drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali** b'konformità mal-istandards Ewropej. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi rigward l-infurzar. L-implimentazzjoni ta' strateġiji u leġislazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' spiss tiddgħajef minn nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u riżorsi oħrajn, b'mod partikolari fil-livell lokali, prijoritizzazzjoni politika limitata u nuqqas ta' koordinazzjoni. Jeħtieġ li jsir aktar sabiex jiġu garantiti b'mod effettiv id-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, inklużi r-Rom u l-Ashkali u l-persuni spostati, li tiġi żgurata fil-prattika l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-twaqqif ta' sistema integrata ta' protezzjoni tat-tfal u biex javvanzaw il-protezzjoni tal-wirt kulturali. Il-Kosovo laħaq ċertu livell ta' tħejjija fil-qasam tal-**libertà tal-espressjoni**, li hija minquxa fil-kostituzzjoni. Il-Kosovo jibbenefika minn ambjent medjatiku pluralistiku u vivaċi. Madankollu, kompli t-theddid u l-attakki kontra l-ġurnalisti. L-assemblea turi impenn limitat lejn is-sejba ta' soluzzjoni għall-iffinanzjar sostenibbli tax-xandir pubbliku, biex b'hekk dan huwa vulnerabbli għall-pressjoni politika.

Fejn jidħlu l-**kriterji ekonomiċi**, is-Serbja għamel progress sew hu hi ppreparat b'mod moderat fl-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq effettiva. L-ambjent tan-negozju tjeib u l-gvern rispettata r-regola fiskali fuq id-defiċit tal-baġit; madankollu l-benefiċċji tal-veterani tal-gwerra jkomplu jkunu ta' sfida għall-finanzi pubbliċi. L-ekonomija informali għadha mifruxa. Iż-żieda fir-rata tal-parteciċipazzjoni tal-forza tax-xogħol ma kinetx segwita minn żieda fl-impjiegi u għalhekk ir-rata tal-qgħad żdiedet aktar. Affettwat b'mod partikolari n-nisa u ż-żgħażaġh u l-ħaddiema bla sengħa. Minkejja tkabbir qawwi fl-esportazzjoni d-defiċit kummeċjali għoli jirrifletti bażi produttiva dgħajfa.

Il-Kosovo għamel xi progress u huwa fi stadju bikri f'termini tal-kapaċità tiegħu biex jaffaċċja l-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fl-UE. Ma sar l-ebda progress fuq it-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni u l-indirizzar ta' diskrepanzi ta' ħiliet fis-suq tax-xogħol. Il-Kosovo għamel ċeru progress fit-titjib tal-infrastruttura tat-toroq iżda għad baqa' lakuni kbar ta' infrastruttura tal-ferroviji u setturi tal-enerġija. It-tibdil strutturali fl-ekonomija huwa batut għax għadha dipendenti fuq is-settur tal-kummerċ bl-imnut. L-integrazzjoni mal-UE hija mxekkla minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-SSA.

Il-Kosovo kompli bl-isforzi tiegħu biex iżomm **relazzjonijiet bilaterali** tajbin u kostruttivi ma' pajjiżi oħra involuti fit-tkabbir. Il-Kosovo huwa rappreżentat f'bosta organizzazzjonijiet reġjonali li jaqgħu fil-kamp tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Arranġamenti dwar ir-Rappreżentanza Reġjonali u Kooperazzjoni miftiehem bejn Belgrad u Pristina fl-2012.

Fir-rigward tan-**normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mas-Serbja**, il-Kosovo baqa' impenjat fid-djalogu. Madankollu, jeħtieġ li l-Kosovo jwettaq aktar sforzi sostanzjali dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet eżistenti u jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' ċirkustanzi li jwasslu għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mas-Serbja, li għandhom jiġu definiti fi ftehim legalment vinkolanti.

Fir-rigward tal-allinjament mal-**istandards Ewropej**, il-Kosovo għadu fi stadju bikri. L-allinjament leġiżlattiv kompli f'ċerti oqsma iżda l-implimentazzjoni hija dgħajfa. Sar xi progress fil-qasam tal-moviment liberu ta' merkanzija u s-servizzi, l-akkwist pubbliku u l-kompetizzjoni kif ukoll fit-titjib tal-ambjent tan-negozju. Fil-qasam tat-tassazzjoni u d-dwana, sar ukoll xi progress fil-ġbir tad-dħul u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, iżda jinħtieġ li l-Kosovo jintensifika l-ġlieda kontra l-ekonomija informali u l-evazzjoni tat-taxxa. Is-settur tal-enerġija għadu qed jiffaċċja sfidi serji. Ma sar l-ebda progress biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ambjentali. B'mod ġenerali, jeħtieġ li l-Kosovo jtejjeb il-kapaċità amministrattiva u l-koordinazzjoni, fis-setturi kollha, biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-*acquis*.

L-awtoritajiet għamlu progress fil-ġestjoni tal-migrazzjoni regolari u irregolari. Jinħtieġ li dawn l-isforzi jitkoplew u jservu ta' bai għal iktar titjib. Jeħtieġ li l-Kosovo jpoġġi fis-seħħ mekkaniżmu ta' ritorn għall-immigranti rregolari.

Anness 2 — Statistika ewlenija

DEJTA STATISTIKA (fil-15.02.2018)

Demografija	Nota	Il-Montenegro		Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja		L-Albanija		Is-Serbja		It-Turkija		Il-Bożnija u l-Heżegovina		Il-Kosovo*		UE-28	
		2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Popolazzjoni totali (eluf)		622.1	622.2	2 069.2	2 071.3	2 892.3e	2 886.0	7 114.4	7 076.4	77 696	78 741	3 825.3	3 516.0 p	1 804.9	1 771.6	508 504 p	510 279 bp
Sehem ta' 15-64 minn fost il-popolazzjoni totali (%)		67.8	67.6	70.5	70.3	69.1e	69.5	67.1	66.6	67.8	67.8	:	:	:	65.6p	65.5ep	65.3bep
Rata kruda ta' bidla fil-popolazzjoni naturali (kull 1 000 abitant)		1.7	1.8	1.3	1.2	3.6e	:	-5.4	-5.1	11.8	11.2	:	-1.8p	9.2p	:	-0.2ep	0.0bep
Aspettativa tal-ħajja fil-mument tal-twelid, irġiel (snin)		74.4	:	73.5	:	76.2e	:	72.8	:	75.4	:	:	:	:	:	77.9ep	:
Aspettativa tal-ħajja fil-mument tat-twelid (nisa)		78.6	:	77.4	:	79.7e	:	77.9	:	81.0	:	:	:	:	:	83.3ep	:

Suq tax-xogħol	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Rata ta' attività ekonomika għall-persuni ta' bejn I-20 u I-64 sena: proporzjon tal-popolazzjoni fl-età bejn I-20 u I-64 sena li huma ekonomikament attivi (%)	1)	68.5	69.1	70.2	69.6	71.3e	73.3e	68.1	70.0	59.9	60.9	59.2	58.8	42.8	44.0	77.1	77.5
Rata ta' attività ekonomika għall-irġiel ta' bejn I-20 u I-64 sena: proporzjon tal-popolazzjoni tal-irġiel bejn I-20 u I-64 sena li huma ekonomikament attivi (%)	1)	74.9	76.7	83.8	83.8	81.8e	82.5e	76.7	78.0	82.7	83.3	71.9	72.0	65.1	66.8	83.4	83.7
Rata ta' attività ekonomika għan-nisa ta' bejn I-20 u I-64 sena: proporzjon tal-popolazzjoni tan-nisa bejn I-20 u I-64 sena li huma ekonomikament attivi (%)	1)	62.1	61.6	56.2	54.9	61.1e	64.2e	59.5	62.0	37.3	38.5	46.3	45.3	20.4	20.9	70.8	71.4

Rati ta' impjeg, fl-età bejn l-20 u l-64 sena (% tal-popolazzjoni)																	
Totali		56.7	57.1	51.9	53.3	59.3e	62.1e	56.0	59.1	53.9	54.3	43.2	44.2	29.1	32.3	70.0	71.0
Irġiel		61.9	51.3	61.5	63.7	68.1e	69.4e	63.7	66.3	75.3	75.5	53.9	56.4	44.9	49.9	75.8	76.8
Nisa		51.5	63.0	42.1	42.5	50.7e	55.0e	48.3	51.9	32.6	33.2	32.4	32.0	13.2	14.6	64.2	65.3
Persuni fl-età bejn il-15 u l-24 sena mhux fl-impjeg, fl-educazzjoni jew it-taħriġ, % tal-popolazzjoni fil-grupp tal-età		19.1	18.4	:	:	29.6	26.9e	19.9	17.7	24.0	24.0	27.7	26.4	31.4	30.1	12.0	11.6
Persuni fl-età bejn il-15 u d-29 sena mhux fl-impjeg, fl-educazzjoni jew it-taħriġ, % tal-popolazzjoni fil-grupp tal-età		23.4	22.3	:	:	32.8	30.0e	24.5	22.3	28.0	27.8	32.8	31.4	39.2	37.3	14.8	14.2
Impjeg skont is-setturi ewlenin																	
Agrikoltura, forestrija u sajd (%)		7.7	7.7	17.9	16.6	41.3e	40.2e	19.4	18.6	20.6	19.5	17.9	18.0	2.3	4.2	4.5	4.3
Industrija (%)		10.8	9.8	23.4	23.1	11.6e	12.8e	19.9	20.2	20.0	19.5	22.0	22.7	18.7	18.0	17.3	17.3
Kostruzzjoni (%)		6.6	7.7	7.1	7.2	6.9e	6.5e	4.5	4.3	7.2	7.3	7.5	8.6	9.5	11.5	6.8	6.7
Servizzi (%)		74.8	74.8	51.6	53.1	40.2	40.5	56.1	57.0	52.2	53.7	52.6	50.8	69.5	66.3	71.4	71.6
Nies impjegati fis-settur pubbliku bħala sehem mill-impjegati totali, persuni bejn l-20 u l-64 sena (%)	2)	32.4	31.2	:	:	16.7e	15.6e	29.7	28.3	13.5	13.8	31.2	29.0	32.6	30.8	:	:
Nies impjegati fis-settur privat bħala sehem mill-impjegati totali, persuni bejn l-20 u l-64 sena (%)	2)	46.6	47.0	:	:	83.3e	84.4e	70.3	71.7	86.5	86.2	63.2	65.9	67.4	69.2	:	:
Rati tal-qgħad (% tal-forza laborattiva)																	
Totali	1)	17.5	17.8	26.1	23.7	17.1e	15.2e	17.8	15.4	10.3	10.9	27.9	25.5	32.9	27.5	9.4	8.6
Irġiel	1)	17.7	18.3	26.7	24.4	17.1e	15.9e	16.9	14.8	9.3	9.6	25.9	22.6	31.8	26.2	9.3	8.4
Nisa	1)	17.3	17.1	25.1	22.7	17.1e	14.4e	18.8	16.2	12.6	13.6	30.9	30.2	36.6	31.7	9.5	8.8
Żgħażaġħ fl-età bejn il-15 u l-24 sena	1)	37.6	35.9	47.3	48.2	39.8e	36.5e	43.2	34.9	18.4	19.5	62.3	54.3	57.7	52.4	20.3	18.7
Għat-tul (>12-il xahar)	1)	13.6	13.4	21.3	19.2	11.3e	10.1e	11.4	10.0	2.2	2.2	22.8	21.7	23.8	18.0	4.5	4.0
Pagi u salarji medji nominali fix-xahar (EUR)	3)	480	499	356	363	386	397	506	516	604	:	424	429	:	:	:	:

Edukazzjoni	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Żgħażaġħ li jittilqu mill-iskola u t-taħriġ qabel il-waqt il-perċentwali tal-popolazzjoni bejn it-18 u l-24 sena li l-aktar li għandhom hija edukazzjoni sekondarja inferjuri u li ma humiex la fl-edukazzjoni u lanqas fit-taħriġ (%)		5.7	5.5	11.3p	9.9	21.3e	19.6e	7.4	7.0	36.7	34.3	5.2	4.9	14.5	12.7	11.0	10.7
Nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni bħala proporzjoni tal-PDG (%)		:	:	:	:	3.1p	3.1p	4.0	3.9	4.3	4.6	:	:	4.5	4.7p	:	:
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-24 sena li l-aktar li għandhom hi edukazzjoni sekondarja baxxa, total		6.6	6.8	:	:	:	:	8.6	7.8	46.5	43.9	6.2u	5.8u	:	14.6	17.2	16.8
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-24 sena li l-aktar li għandhom hi edukazzjoni sekondarja baxxa, irġiel		6.9	5.8	:	:	:	:	9.3	8.6	46.2	44.2	5.6u	5.5u	:	12.5	19.4	19.1
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-24 sena li l-aktar li għandhom hi edukazzjoni sekondarja baxxa, nisa		6.3	7.9	:	:	:	:	7.9	7.0	46.8	43.7	6.9u	6.3u	:	17.0	14.9	14.4
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-24 sena li b'edukazzjoni sekondarja jew post sekondarja mhux terzjarja, total		80.6	82.2	:	:	:	:	83.2	84.9	34.9	35.7	86.3	86.6	:	70.5	65.2	65.3
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-24 sena li b'edukazzjoni sekondarja jew post sekondarja mhux terzjarja, irġiel		85.3	86.9	:	:	:	:	84.5	86.3	37.8	38.3	88.6	89.0	:	74.5	65.9	66.1
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn l-20 u l-24 sena li b'edukazzjoni sekondarja jew post sekondarja mhux terzjarja, nisa		75.7	77.2	:	:	:	:	81.7	83.3	32.2	33.3	83.5	83.7	:	66.0	64.5	64.5
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn it-30 u l-34 sena		31.0	33.9	28.6	29.1	22.1e	20.9e	28.9	29.9	23.5	26.5	17.2	23.1	17.2	19.1	38.6	39.0

b'edukazzjoni terzjarja, total																	
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn it-30 u l-34 sena b'edukazzjoni terzjarja, irġiel		29.9	31.8	23.1	24.5	19.6e	18.0e	24.2	24.7	25.0	28.3	13.4u	16.6u	19.5	18.9	33.9	34.3
Perċentwali tal-popolazzjoni bejn it-30 u l-34 sena b'edukazzjoni terzjarja, nisa		32.2	35.9	34.5	33.8	24.7e	23.9e	33.7	35.3	22.1	24.6	21.3	29.4	14.7	19.4	43.3	43.8

Kontijiet nazjonali	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Prodott domestiku gross																	
Bi prezzijiet kurrenti (biljuni ta' EUR)		3.7	4.0	9.1	9.7p	10.2p	10.7p	33.5	34.6	773.0	780.2	14.6	15.3	5.8	6.0p	14 797.4	14 907.9
Kull ras (EUR)		5 827	6 355	4 382	4 691	3 547	3 728	4 720	4 904	9 949	9 909	4 312	4 494	3 278	3 304	29 033	29 148
Standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) kull ras		12 200	13 000	10 500	10 900	8 500	8 500	10 500	10 700	18 900	18 800	9 100	9 300	:	:	29 000	29 100
Fi standards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS) kull ras, imqabbel mal-medja tal-UE (UE-28 = 100)		42	45	36	37	29	29	36	37	65	64	31	32	:	:		
Rata annwali reali (volum) tat-tibdil, imqabbel mas-sena ta' qabel (%)		3.4	2.9	3.9	2.9p	2.2p	3.4p	0.8	2.8	6.1	3.2	3.1	3.3	4.1	3.4p	2.3	2.0
Valur gross miżjud mis-setturi ewlenin																	
Agrikoltura, forestrija u sajd (%)		9.7	9.0	11.1	10.5p	22.9p	22.9p	8.2	7.9	7.8	7.0	7.3	:	12.6	13.4p	1.5	1.5
Industrija (%)		12.8	12.3	19.3	19.9p	13.9p	13.2p	25.9	25.9	22.4	22.3	21.9	:	20.8	21.1p	19.4	19.4
Kostruzzjoni (%)		4.5	6.8	8.1	8.6p	10.2p	10.5p	5.5	5.4	9.3	9.7	4.6	:	8.4	8.2p	5.3	5.3
Servizzi (%)		73.0	71.9	61.5	61.0p	53.0p	53.4p	60.4	60.8	60.5	61.0	66.2	:	58.2	57.3p	73.8	73.8

Bilanċ tal-pagamenti	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Investiment barrani dirett net ('l ġewwa - 'l barra) (FDI) (miljuni ta' euro)		619.3	371.6	202.8	316.9	818.4	936.5	1 803.8	1 899.2	:	:	248.9	240.5	271.8	177.2	-129 867	-116 465
Investiment barrani dirett net ('l ġewwa - 'l barra) (FDI) (% tal-PDG)		16.9	9.4	2.2	3.3p	8.0p	8.7p	5.4	5.5	:	:	1.7	1.6	4.7	3.0p	-0.9	-0.8

Investiment barrani dirett net ('l ġewwa - 'l barra) (FDI) imqabbel mal-UE-28 (miljuni ta' euro)		403.0	-32.5	-20.7	199.1	:	:	1 480.4	1 304.4	:	:	160.5	190.9	11.2	15.6	-	-
Investiment barrani dirett net ('l ġewwa - 'l barra) (FDI) imqabbel mal-UE-28 (% tal-PDG)		11.0	-0.8	-0.2	2.0p	:	:	4.4	3.8	:	:	1.1	1.2	0.2	0.3p	-	-
Rimessi bħala % tal-PDG		1.2	1.0	2.3	2.0p	5.9p	5.7p	8.5	7.8	:	:	8.3	8.2	11.5	11.5p	0.1	0.1

Kummerċ estern fi prodotti	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Kummerċ internazzjonali fi prodotti																	
Sehem tal-esportazzjoni lill-pajjiżi tal-UE-28 f'valur ta' esportazzjoni totali (%)		35.6	37.4	77.0	79.9	75.4	77.9	67.0	67.6	44.5	47.9	71.6	71.3	32.6	22.6	-	-
Sehem tal-importazzjoni mill-pajjiżi tal-UE-28 f'valur ta' importazzjoni totali (%)		41.3	48.2	62.0	62.0	61.8	63.1	57.3	58.7	38.0	39.0	60.8	61.9	42.2	43.1	-	-
Bilanċ tal-kummerċ (miljuni ta' EUR)		-1 524	-1 736	-1 714	-1 777	-2 154	-2 399	-2 978	-2 483	-56 981	-50 676	-3 510	-3 448	-2 309	-2 480	59 553	32 002
Kummerċ internazzjonali fi prodotti u servizzi mqabbel mal-PDG																	
Importazzjoni (% tal-PDG)		60.6	62.9	65.0	64.7p	44.7p	:	56.4	57.5	26.0	24.9	53.2	52.3	49.5	51.3p	40.3	40.5
Esportazzjoni (% tal-PDG)		42.1	40.5	48.7	50.0p	27.4p	:	46.7	50.0	23.3	22.0	34.6	35.4	19.3	22.5p	43.8	44.0

Finanzi pubbliċi	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Statistiċi dwar il-finanzi tal-Gvern, imqabbel mal-PDG																	
** Bilanċ pożittiv tal-gvern (+) / defiċit (-) (%)		-7.4	-2.8	-3.5	-2.7	-4.1	-1.8	-3.7	-1.3	1.3	:	0.7	1.2	:	:	-2.4	-1.7
** Dejn tal-amministrazzjoni pubblika (%)		66.2	64.4	38.1	39.6	69.1	68.7	76.0	73.0	27.5	:	41.9	40.5	12.8	:	84.5	83.2

Indikaturi finanzjarji	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Bidla annwali fil-prezzijiet għall-konsumaturi (%)	4)	1.4	0.1	-0.3	-0.2	2.0	2.5	1.5	1.3	7.7	7.7	-1.0	-1.1	-0.5	0.3	0.0	0.3
Dejn estern totali, imqabbel mal-PDG (%)		:	:	69.3	74.2p	74.7p	73.5p	78.3	76.5	47.1	:	72.2	71.0	33.3	33.7p	:	:

Rata ta' imgħax tas-self (sena), kull sena (%)	5)	:	:	:	:	74.7	73.5	:	:	53.0	:	:	:	:	:	:	:
Rata ta' imgħax tad-depożiti (sena), kull sena (%)	6)	8.53	7.45	3.75	4.25	7.77	5.89	6.50	5.50	10.79	:	5.74	4.97	8.32	7.47	:	:
Valur tal-assi ta' riżerva (inkluż id-deheb)(miljuni ta' euro)	7)	1.23	0.93	0.25	0.25	1.35	0.80	2.50	2.50	7.27	:	0.09	0.09	0.90	1.01	:	:
Riżervi internazzjonali - ekwivalenza f'xhur ta' importazzjoni		673.7	803.0	2 261.8	2 613.4	2 880.0	2 945.0	10 378.0	10204.6	99 619.6	:	4 414.6	4 887.4	706.4	605.1	:	:

Negożju	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Indiċi tal-produzzjoni industrijali (2010 = 100)	8)	88.3	84.4	118.0	122.0	161.7	130.5	107.1	112.1	124.1	126.3	107.4	112.0	:	:	103.9	105.6

Infrastruttura	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Densità tal-linji tal-ferrovija (linji li jaħdmu kull elf km ²)		18.1	18.1	28.1	27.4	13.8	12.2	48.6	48.6	13.2	:	20.1	21.9	30.9	30.9	:	:
Tul ta' toroq prinċipali (kilometri)		0	0	259	259	:	:	693	741	2 282	2 542	128	:	80	98	:	:

Enerġija	Nota	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016	2015	2016
Importazzjoni netta tal-enerġija mqabbla mal-PDG		4.2	3.4	6.4	5.1p	0.8p	1.3p	4.8	3.6	1.2	1.0	5.3	4.3	5.4	4.1p	1.6	1.3

: = mhux disponibbli
b = interruzzjoni fis-serje
e = valur stmat
p = proviżorju
u = affidabbiltà baxxa
- = Mhux applikabbli

Din l-indikazzjoni hija mingħajr preġudizzju għal pożizzjonijiet dwar l-istatus u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo.

** = Id-dejta dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern tal-pajjiżi involuti fit-tkabbir huma ppubblikati fuq il-bażi ta' "as is" u mingħajr l-ebda garanzija dwar il-kwalità tagħhom u l-konformità mar-regoli tal-ESA.

Noti:

- 1) It-Turkija: qgħad ibbażat fuq il-kriterju tal-erba' ġimgħat + li jużaw biss metodi attivi ta' tiftix ta' xogħol.
- 2) Il-Bożnija u l-Ħerzegovina: l-ishma ma jgħibux 100 % minħabba li tipi oħra ta' sjieda huma esklużi. Il-Montenegro: NGOs esklużi. id-dejta tirreferi għal numru ta' impjegati (privat jew pubbliku) bħala proporzjon tan-numru totali ta' persuni impjegati.
- 3) L-Albanija: is-settur pubbliku; Il-Bożnija u l-Ħerzegovina: Dħul nett Is-Serbja pagi u salarji mħallsa lil impjegati ta' entitajiet legali u ta' impriżi mhux inkorporati.
- 4) Indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur ħliet għal dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja, il-Bosnja u l-Ħerzegovina u data tal-2015 għall-Albanija. L-Albanija: varjazzjoni bejn Diċembru ta' sena u Diċembru tas-sena ta' qabel.
- 5) Id-dejn estern tal-Albanija (inkluż IDB).
- 6) L-Albanija: rata medja ponderata applikata lil self ġdid ta' 12-il xahar matul ix-xahar rispettiv, mal-maturità wara 12-il xahar. Il-Bożnija u l-Ħerzegovina: rati ta' self fuq perjodu qasir fil-munita nazzjonali lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji (medja ponderata). Il-Montenegro: rata tal-imgħax effettiva medja ponderata, ammonti pendenti, annwali. Dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja: tmiem is-sena (il-31 ta' Diċembru).
- 7) L-Albanija: ir-rata tal-imgħax għad-depożiti tirrappreżenta r-rata medja ponderata għal depożiti aċċettati ġodda matul ix-xahar rispettiv, b'maturità ta' 12-il xahar. Il-Bożnija-Ħerzegovina: rati ta' depożiti ta' domanda fil-munita nazzjonali tal-unitajiet domestiċi (medja ponderata). Il-Montenegro: rata tal-imgħax effettiva medja ponderata, ammonti pendenti, annwali. Dik li kienet ir-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja: tmiem is-sena (il-31 ta' Diċembru). It-Turkija: faċilita ta' depożitu mal-lejl.
- 8) Il-Montenegro u s-Serbja: is-serje gross, pjuttost milli l-kalendarju aġġustat.